**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 15 ta` Dicembru 2016**

**Kawza Nru. 4**
**Rik. Gur. Nru. 1030/09 JZM**

**Logos Societa` Cooperativa, u b`digriet moghti fid-19 ta` Ottubru 2015 quddiem il-kliem "Logos Societa` Cooperativa" zdiedu l-kliem "Dr Norval Desira bhala mandatarju specjali ta`"**

***kontra***

**1. Direttur Generali tal-Kuntratti ;**

**2. Malta Tourism Authority ; u**

**3. Economic and Management Consultancy Services Limited (EMCS) Consortium ;**

**4. Market Intelligence Services Company Limited u Outlook Management and Communications Cooperative Society Limited ;**

**ghal kull interess li jista` jkollhom**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

**1) Ir-rikors guramentat**

**a) It-talbiet**

Ir-rikors guramentat kien prezentat fis-26 ta` Ottubru 2009.

Ma kienx hemm bdil fil-permessi fil-kors tal-kawza. Ighidu hekk :-

*1. Illi s-socjeta` rikorrenti ppartecipat billi ressqet l-offerta taghha fil-process tat-Tender for Developing Leaders for Change and Innovation in Tourism Business Development and Continuous Professional Development for Tourism Senior Management – Tender numru CT/2608/2008; Advert numru 251/2008 – liema tender kien ibbazat fuq is-sistema ta` offerti maghmulin fi tlett pakketti separati.*

*2. Illi permezz ta` ittra mibghuta fil-25 ta` Frar 2009 (**Dokument `A`**), u cioe` wara l-ftuh tat-tieni pakkett kontenut fl-offerta tas-socjeta` rikorrenti, l-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti informa lis-socjeta` rikorrenti illi "this open tender procedure has been cancelled". Il-kancellament ta` dan il-process kien konfermat ukoll fuq il-website tad-Dipartiment tal-Kuntratti fl-istess gurnata (**Dokument `B`**).*

*3. Illi minn indagini li ghamlet is-socjeta` rikorrenti, irrizulta illi l-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti effettivament iddecieda li jikkancella dan il-process tat-tender wara illi kien sab illi l-offerenti kollha fl-istess process tat-tender, irrizultaw illi ma kienux konformi mal-ispecifikazzjonijiet teknici mitluba fid-dokumenti ta` l-offerta.*

*4. Illi effettivament fl-istess ittra, l-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti ta zmien sad-9 ta` Marzu 2009 sabiex tigi pprezentata oggezzjoni ossija appell minn din id-decizjoni – u cjoe` perijodu ta` erbatax-il gurnata mill-pubblikazzjoni tad-decizjoni u b`ammont ta` depozitu, fiz-zewg kazi kif kontemplat fir-Regolament 83(1) tar-**Regolamenti ta` l-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici** (Avviz Legali 177 tal-2005). Dan ir-regolament jistipula l-procedura applikabbli ghall-prezentata ta` appelli **wara li jkun gie konkluz il-process shih tat-tender**, mentri fil-kaz ta` ilment ossija appell li jsir minn offerent minn decizjoni li twassal ghat-twarrib ta` offerta matul xi stadju tal-process, iz-zmien applikabbli skond ir-Regolament 82(4) huwa dak ta` erbat ijiem tax-xoghol minn meta jinghata avviz tad-decizjoni u d-depozitu li ghandu jithallas skond l-istess Regolament 82(4) huwa anke inqas. Fil-kaz odjern ghalhekk l-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti applika d-dispozizzjonijiet tar-Regolament 83 ghaliex qies il-process tat-tender maghluq bid-decizjoni tieghu li jigi kkancellat l-istess process.*

*5. Illi mill-imsemmija decizjoni komunikata lill-offerenti kollha fil-25 ta` Frar 2009, irrizulta illi gie pprezentat appell mill-intimat EMCS Consortium skond ir-Regolament 83 succitat, u b`decizjoni tat-28 ta` April 2009 tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici, l-istess Bord tal-Appell **irrakkomanda** illi l-imsemmi offerent jigi ri-ammess fil-process tat-tender imsemmi.*

*6. Illi in segwitu ghall-imsemmija decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici, l-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti ddecieda li jerga` jirrijattiva l-process tat-tender u talab illi l-Kumitat ta` Evalwazzjoni fi hdan l-intimata Malta Tourism Authority terga` tevalwa l-offerta teknika tal-offerenti **kollha**, kontenuta fit-tieni pakkett taghhom.*

*7. Illi permezz ta` ittra mibghuta fil-31 ta` Lulju 2009 (**Dokument `C`**), u cjoe` wara l-evalwazzjoni tal-offerta teknika kontenuta fit-tieni pakkett tal-offerta tas-socjeta` rikorrenti, l-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti informa lis-socjeta` rikorrenti illi "your tender is not among the selected ones since it has been adjudicated as administratively non-compliant during the evaluation". Din l-ittra tixhed illi, f`dan il-kaz, l-avviz kien qieghed jinghata ai termini tar-Regolament 82 tar-Regolamenti ta` l-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici (Avviz Legali 177 tal-2005) u s-socjeta` rikorrenti nghatat iz-zmien li tressaq l-ilment ossija appell taghha minn din id-decizjoni skond id-dispozizzjonijiet tar-Regolament 82(4) u b`depozitu (fis-somma korretta skond ittra mahruga minn l-istess intimat Direttur Generali tal-Kuntratti fis-6 ta` Awissu 2009 – **Dokument `D`**) kif mahdum skond l-istess Regolament 82(4).*

*8. Illi fis-6 ta` Awissu 2009, is-socjeta` rikorrenti ressqet l-ilment ossija appell taghha mid-decizjoni tal-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti (**Dokument `E`**), fejn talbet illi d-decizjoni kontenuta fl-ittra tal-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti tal-31 ta` Lulju 2009 tigi revokata mill-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici ghar-ragunijiet hemm spjegati.*

*9. Illi fl-istess jum tas-6 ta` Awissu 2009 tressaq ilment ossija iehor mill-intimati Market Intelligence Services Company Limited u Outlook Management and Communications Cooperative Society Limited, mid-decizjoni komunikata lilhom mill-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti fil-konfront tal-offerta teknika tal-istess intimati kontenuta fit-tieni pakkett taghhom fil-process ta` dan it-tender;*

*10. Illi b`ittra mibghuta fis-7 ta` Awissu 2009, l-intimat EMCS Consortium ressaq ittra ta` oggezzjoni kontra l-appelli mressqa mis-socjeta` rikorrenti u mill-intimati Market Intelligence Services Company Limited u Outlook Management and Communications Cooperative Society Limited (**Dokument `F`**).*

*11. Illi fuq ordni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici, l-appelli tas-socjeta` rikorrenti u tal-intimati Market Intelligence Services Company Limited u Outlook Management and Communications Cooperative Society Limited, gew imsejha ghal smigh preliminari sabiex jigi trattat biss l-ammissibilita` o meno tal-appelli pprezentati separatament miz-zewg offerenti, u mhux fuq il-meritu tal-appelli separati.*

*12. Illi waqt is-smigh ta` dan l-appell irrizultaw il-fatti kollha hawn fuq esposti.*

*13. Illi b`decizjoni moghtija fl-14 ta` Ottubru 2009 (**Dokument `G`**), il-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici, wara li kkunsidra li dan it-tender kien regolat bid-dispozizzjonijiet tar-Regolament 82 tar-Regolamenti ta` l-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici (Avviz Legali 177 tal-2005), iddecieda illi l-appell ipprezentat mis-socjeta` rikorrenti kien fuori termine billi qies illi l-perijodu applikabbli kien dak ta` erbat ijiem tax-xoghol li kellu jigi kkalkolat mid-data tal-ewwel ittra mahruga mill-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti fil-25 ta` Frar 2009 (Dokument `A`).*

*14. Illi fl-istess decizjoni l-istess Bord tal-Appell* ***irrakkomanda*** *wkoll illi, in vista tax-xhieda gdida mismugha fil-kors ta` dan l-appell, l-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti ghandu jerga` jqis il-validita` o meno tal-appell mressaq mill-intimat EMCS Consortium, peress illi rrizulta illi anke dan l-appell kien gie pprezentat wara li kienu skadew l-erbat ijiem tax-xoghol kontemplati fir-Regolament 82(4) tar-Regolamenti ta` l-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici (Avviz Legali 177 tal-2005).*

*15. Illi s-socjeta` rikorrenti thossha aggravata minn din id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici u ghalhekk qieghdha tirreferi din il-kwistjoni quddiem l-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Civili a tenur tar-Regolament 84(19) tar-Regolamenti ta` l-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici (Avviz Legali 177 tal-2005), a bazi tal-aggravji cari u manifesti hawn fuq spjegati illi, fil-fehma umli tas-socjeta` rikorrenti, ghandhom iwasslu ghall-konvinciment necessarju illi l-appell interpost mis-socjeta` rikorrenti fis-6 ta` Awissu 2009 quddiem il-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici ma kienx fuori termine u li, jekk dan huwa l-kaz, allura ghandu jsegwi wkoll illi anke l-appell imressaq mill-intimat EMCS Consortium ghad-decizjoni komunikata mill-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti fil-25 ta` Frar 2009 kien fuori termine u kwindi invalidu.*

*16. Illi, ghalhekk, l-ewwel raguni ghall-proceduri odjerni, huwa ghaliex is-socjeta` rikorrenti umilment issostni illi l-process ta` dan it-tender fi stadju originali wassal ghall-kancellament tieghu mill-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti fil-25 ta` Frar 2009, liema process shih gie konsegwentement irrijattivat mill-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti wara d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici tat-28 ta` April 2009, u b`decizjoni ahharija mehuda mill-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti fil-31 ta` Lulju 2009 gie deciz illi l-offerta teknika tas-socjeta` rikorrenti ma kenitx amministrattivament konformi mad-dokumenti tat-tender – minn liema decizjoni ahharija gie pprezentat l-appell tas-socjeta` rikorrenti ai termini tal-Artikolu 82(4) tar-Regolamenti ta` l-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici (Avviz Legali 177 tal-2005).*

*17. Illi, mill-banda l-ohra, f`kaz illi l-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici kellu ragun li jqis illi l-appell mis-socjeta` rikorrenti kellu jsir fiz-zmien kontemplat taht l-Artikolu 82(4) tar-Regolamenti ta` l-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici wara l-ewwel decizjoni komunikata mill-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti fil-25 ta` Frar 2009, allura s-socjeta` rikorrenti umilment tikkontendi lli l-appell ipprezentat mis-socjeta` intimata EMCS Consortium ghad-decizjoni komunikata mill-intimat Direttur Generali*

*tal-Kuntratti fil-25 ta` Frar 2009, u konsegwentement anke d-decizjoni dwar dan l-appell tat-28 ta` April 2009 tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici, huma nulli u bla ebda effett fil-ligi, billi l-istess appell kien gie pprezentat mill-intimat EMCS Consortium wara li kien skada z-zmien applikabbli ai termini tal-Artikolu 82(4) tar-Regolamenti ta` l-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici.*

**b) <u>It-talbiet orginali</u>**

Fid-data tal-presentata tar-rikors guramentat, it-talbiet kienu dawn :-

*1. tiddikjara illi l-appell ipprezentat mis-socjeta` rikorrenti fis-6 ta` Awissu 2009, ghad-decizjoni komunikata mill-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti fil-31 ta` Lulju 2009, huwa validu u ammissibbli skond id-dispozizzjonijiet relattivi tar-Regolamenti ta` l-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici (Avviz Legali 177 tal-2005) ;*

*2. konsegwentement tirrevoka d-decizjoni moghtija fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti mill-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici fl-14 ta` Ottubru 2009 u tordna illi l-atti tal-appell imressaq mis-socjeta` rikorrenti fis-6 ta` Awissu 2009 jergghu jigu rinvjati quddiem l-istess Bord tal-Appelli ghas-smigh tal-appell tas-socjeta` rikorrenti fuq il-meritu ;*

*3. tiddikjara illi l-appell ipprezentat mis-socjeta` intimata EMCS Consortium ghad-decizjoni komunikata mill-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti fil-25 ta` Frar 2009, u konsegwentement anke d-decizjoni dwar dan l-appell tat-28 ta` April 2009 tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici, huma nulli u bla ebda effett fil-ligi, billi l-istess appell kien gie pprezentat mill-intimat EMCS Consortium wara li kien skada z-zmien applikabbli skond id-dispozizzjonijiet relattivi tar-Regolamenti ta` l-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici (Avviz Legali 177 tal-2005) ;*

*4. konsegwentement tordna lill-intimati Direttur Generali tal-Kuntratti u Malta Tourism Authority sabiex jannullaw kull process mehud minnhom fil-konfront tal-offerta tal-intimat EMCS Consortium, wara l-imsemmija decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici tat-28 ta` April 2009 ;*

*5. taghti u tordna dawk il-provvedimenti kollha necessarji, ossija tordna lill-intimati Direttur Generali tal-Kuntratti u Malta Tourism Authority sabiex jiehdu u jaghtu dawk l-azzjonijiet u provvedimenti necessarji, sabiex jigi korrett u/jew annullat dan l-eghmil amministrattiv invalidu u minghajr effett taghhom, jew ta` min minnhom.*

*Bl-ispejjez, u b`rizerva ghal kull azzjoni ta` danni spettanti lis-socjeta` rikorrenti kontra l-intimati, jew min minnhom, skond il-ligi.*

**2) Ir-risposti guramentati**

**a) Malta Tourism Authority**

Malta Tourism Authority ipprezentat risposta guramentata fid-9 ta` Dicembru 2009 li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament, stante li din il-kawza giet intavolata ai termini tar-regolament 84(19) tar-Regolamenti tal-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici (Avviz Legali tal-2005) ghandu jigi applikat it-terminu stipulat fl-istess regolament u cioe` dak ta` ghaxart ijiem mid-decizjoni tal-Public Contracts Appeals Board. B`hekk l-azzjoni attrici hija fuori termine stante li giet intavolata tnax-il jum mill-istess decizjoni, li nghatat fl-14 ta` Ottubru 2009 ;*

*2. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti mhumiex il-legittimi kontradittura tal-kawza de quo stante li ma kinux involuti fit-tehid tad-decizjonijiet li qeghdin jigu kkontestati permezz ta` din il-kawza ;*

*3. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rimedju pprovdut mir-regolament 84(19) tar-Regolamenti tal-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici, u li fuqu hija bbazata l-kawza de quo, jista` jigi uzat **biss** sabiex tigi kkontestata d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli datata 6 ta` Awwissu 2009. Ghalhekk it-talba numru 3 fir-rikors promotur ma tistax issir ai termini tar-Regolament 84(19) u se mai, tali azzjoni hija fuori termine ;*

*4. Illi fil-mertu, l-involviment tal-eccipjenti fil-process in kwistjoni kien limitat biss ghal dak ta` evalwazzjoni tal-offerti u ma kien hemm l-ebda nvolviment da parti tal-eccipjenti in konnessjoni mal-procedura u decizjonijiet li qeghdin jigu attakkati permezz tal-kawza odjerna ;*

*5. Illi in oltre, ir-rimedju moghti ai termini tar-regolament 84(19) tar-Regolamenti tal-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici "m`ghandux madankollu jdewwem lid-Direttur tal-Kuntratti jew lill-Kap ta` awtorita` kontraenti milli jimplimenta d-decizjoni finali tal-Bord tal-Appelli." u b`hekk it-talbiet numru 4 u 5 fir-rikors promotur m`ghandhomx jintlaqghu minn din l-Onorabbli Qorti ;*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jinghataw waqt il-prosegwiment tal-kawza.*

**b) <u>Direttur Generali tal-Kuntratti</u>**

Id-Direttur Generali tal-Kuntratti pprezenta risposta guramentata fid-<u>9 ta` Dicembru 2009</u> li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament ir-rikors guramentat huwa null u minghajr effett fil-ligi peress li s-socjeta` estera li ghan-nom taghha sar l-istess rikors m`hijiex registrata f`Malta u lanqas ma appuntat mandatarju prezenti f`Malta biex jirraprezentaha fil-proceduri gudizzjarji prezentati fil-Qorti Maltija.*

*2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost Dr Norval Desira ghandu jgib prova tal-awtorizzazzjoni biex jahlef ir-rikors guramentat ghan-nom tas-socjeta` estera Logos Societa` Cooperattiva, fin-nuqqas ta` din il-prova l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk l-istess ghandhom jigu michuda.*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.*

**c) Market Intelligence Services Company Limited u Outlook Management and Communications Cooperative Society Limited**

Market Intelligence Services Company Limited u Outlook Management and Communications Cooperative Society Limited ipprezentaw risposta guramentata fid-9 ta` Dicembru 2009 li taqra hekk :–

*Illi l-ewwel zewg talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici, stante li kuntrarjament ghal dak minnha allegat il-procedura pprezentata minnha fis-6 ta` Awwissu 2009 ma kinitx valida u ammissibbli skont id-disposizzjonijiet relattivi ta` ligi applikabbli in materja ;*

*Illi dwar it-tielet, ir-raba` u l-hames talbiet attrici, dawn ghandhom jigu akkolti fis-sens li jirrispekkjaw id-dispositiv tad-Decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubblici datat 14 ta` Ottubru 2009 (Kaz Nru. 164), liema Decizjoni hija gusta kif ukoll finali u li torbot lill-partijiet kollha nvoluti f`din il-vertenza skont il-ligi applikabbli ;*

*Salv kwalunkwe eccezzjoni ulterjuri permessa mil-ligi.*

**d) Economic and Management Consultancy Services Limited (EMCS) Consortium**

Economic and Management Consultancy Services Limited (EMCS) Consortium ipprezentat risposta guramentata fid-9 ta` Dicembru 2009 li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament, in-nullita` tar-rikors guramentat promotur u dana stante n-nuqqas ta` dettalji minimi u fundamentali sabiex*

*tigi ndividwata s-'socjeta` estera' rikorrenti fosthom in-numru tar-registrazzjoni u tar-registru fejn hi nkorporata ;*

*2. Illi preliminarjament ukoll u ghal kull buon fini, il-konsorzju esponenti huwa ndikat b`isem hazin, stante illi l-isem tieghu huwa "EMCS Consortium" u mhux kif erronjement citat fl-att promotur ;*

*3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tielet talba attrici hija perenta ai termini tar-Regolament 84(19) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (Avviz Legali 177 tal-2005), ghaliex qed tigi mressqa ferm oltre l-ghaxart (10) ijiem hemm koncessi ;*

*4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-infondatezza tal-ewwel talba attrici stante illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar Kuntratti Pubblici hija gusta u timmerita konferma in kwantu din iddikjarat l-appell tas-socjeta` rikorrenti bhala null stante illi gie ntavolat fuori termine ;*

*5. Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-insostenibbilita` tat-tieni talba attrici stante illi l-ligi specjali applikabbli u senjatament ir-Regolament 84(19) tal-Avviz Legali 177 tal-2005, ma taghtix l-ghazla lill-offerent aggravat illi jitlob li l-atti jergghu jigu rinvjati lill-Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubblici u dan anke in vista tal-proviso tar-Regolament succitat illi jistipula bl-iktar mod car illi d-dritt ta` rikors lil dina l-Onorabbli Qorti ma ghandux idewwem lid-Direttur tal-Kuntratti jew lill-Kap ta` Awtorita` kontraenti milli jimplimenta d-decizjoni finali tal-Bord tal-Appelli ;*

*6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-infondatezza tat-tielet talba attrici stante illi d-decizjoni tat-28 ta` April 2009 tal-Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubblici kienet wahda gusta u valida in ogni kaz hija res judicata u inappellabbli ;*

*7. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju gahs-suespost, l-insostenibbilita` tar-raba` u l-hames talbiet attrici stante illi r-Regolament 84(19) tal-Avviz Legali 177 tal-2005, jistipula illi kwalsiasi rikors bhal dak odjern m`ghandux izomm lid-Direttur tal-Kuntratti jew lill-Kap tal-Awtorita` kontraenti milli jipprocedi bil-process ta` aggudikazzjoni ;*

*8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

**3) <u>Risposti ulterjuri</u>**

**a) <u>Direttur Generali tal-Kuntratti (1)</u>**

Id-Direttur Generali tal-Kuntratti ipprezenta risposta guramentata <u>ulterjuri</u> fis-<u>16 ta` Ottubru 2012</u> li taqra hekk :–

*1. Illi b`rabta mal-ewwel tliet talbiet tas-socjetà rikorrenti jinghad li d-Direttur tal-Kuntratti ma jistax jigi meqjus bhala l-legittimu kontradittur billi huwa ma jistax jirrispondi ghall-ghemil tal-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici. Specifikament huwa ma jistax iwiegeb ghall-validità o meno taz-zewg decizjonijiet ta` bixra procedurali li nghataw mill-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici minhabba l-fatt li dawn inghataw minn entità li mhux biss hija kompletament indipendenti u distinta mid-Direttur tal-Kuntratti izda li sahansitra taqdi l-funzjoni li tistharreg u tissindika d-decizjonijiet moghtija mid-Direttur tal-Kuntratti stess. Ghaldaqstant inkwantu d-Direttur tal-Kuntratti m`ghandux il-kapacità rapprezentantiva tal-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici dan ghandu jfisser li huwa gie mharrek bla bzonn f`dawn il-proceduri. Fuq kollox imbaghad, anke rigward ir-raba` u l-hames talbiet tas-socjetà rikorrenti, huwa stabbilit bil-ligi skont ir-**regolament 84 (14) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 174.04** (kif applikabbli dak iz-zmien) li d-decizjonijiet tal-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici huma finali u li r-riferenza li ssir lill-Prim`Awla tal-Qorti Civili a tenur **tar-regolament 84 (19)** (bhalma hija din in ezami) mghandhiex iddewwem lid-Direttur tal-Kuntratti milli jimplimenta d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici. Tassew f`dan il-kaz id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici digà giet implimentata.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjetà rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.*

**b) <u>Direttur Generali tal-Kuntratti (2)</u>**

Id-Direttur Generali tal-Kuntratti rega` pprezenta risposta guramentata ulterjuri ohra fit-8 ta` April 2013 li taqra hekk :–

*Illi din ir-risposta guramentata ulterjuri qeghda ssir min-naha tal-intimat, wara li huwa kiseb l-awtorizzazzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti skont il-verbal tas-seduta tal-25 ta` Marzu 2013 ;*

*Illi ghalhekk b`zieda mal-eccezzjonijiet migjuba fir-risposta originali tieghu u fir-risposta guramentata ulterjuri tas-16 ta` Ottubru 2012, id-Direttur intimat qieghed iressaq din l-eccezzjoni gdida li gejja :-*

*1. Illi s-socjetà rikorrenti m`ghad fadlilhiex l-interess guridiku mehtieg biex tista` tkompli b`din il-kawza galadarba l-kuntratt tas-servizz mertu tas-sejha pubblika bin-numru ta` riferenza CT2608/2008, ghajr ghat-thejjija tar-raport finali, ser jintemm fis-16 ta` April 2013 min-naha tal-EMCS Consortium li kien rebah is-sejha. Ghalhekk m`ghadhomx aktar fattibbli la t-talba biex l-appell tas-socjetà rikorrenti jigi mismugh mill-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici halli b`hekk hija tibqa` fil-girja li tiehu l-kuntratt u lanqas it-talba l-ohra biex l-ghotja tal-kuntratt favur EMCS Consortium tigi mhassra. Dan peress li sa ftit granet ohra l-kuntratt tas-servizz li kien jaqa` fis-sejha pubblika CT2608/2008 ha jigi ezawrit u kompletat;*

*Bl-ispejjez kontra s-socjetà rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.*

## c) Malta Tourism Authority

Malta Tourism Authority ipprezentat risposta guramentata ulterjuri fit-18 ta` Ottubru 2013 li taqra hekk :–

*Illi din ir-risposta guramentata ulterjuri qeghda ssir min-naha tal-intimata, wara li hija kisbet l-awtorizzazzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti skont il-verbal tas-seduta tal-10 ta` Ottubru 2013 ;*

*Illi ghalhekk b`zieda mal-eccezzjonijiet migjuba fir-risposta originali taghha, l-Awtorita` qieghda tressaq l-eccezzjoni sussegwenti :*

*1. Illi s-socjeta` rikorrenti m`ghad fadlilhiex l-interess guridiku mehtiega biex tista` tkompli b`din il-kawza galadarba l-kuntratt tas-servizzi mertu tas-sejha pubblika bin-numru ta` riferenza CT2608/2008, intemm fis-16 ta` April 2013 min-naha tal-EMCS Consortium li kien rebah is-sejha. Ghalhekk m`ghandhomx aktar fattibbli la t-talba, biex l-appell tas-socjeta` rikorrenti jigi mismugh mill-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici halli b`hekk hija tibqa` fil-girja li tiehu l-kuntratt, u lanqas it-talba l-ohra biex l-ghotja tal-kuntratt favur EMCS Consortium tigi mhassra. Dan peress li l-kuntratt tas-servizz li kien jaqa` fis-sejha pubblika CT2608/2008 gie ezawrit u kompletat;*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti li qieghda tigi ngunta in subizzjoni.*

**4) <u>Is-sentenza tal-11 ta` Dicembru 2014</u>**

Fil-11 ta` Dicembru 2014, il-Qorti tat sentenza parzjali.

Il-parti decizorja taqra hekk :-

***Tichad l-eccezzjoni ulterjuri li pprezenta l-konvenut Direttur Generali tal-Kuntratti fis-16 ta` Ottubru 2012, u l-eccezzjoni ulterjuri li l-istess konvenut ipprezenta fit-8 ta` April 2013, spejjez ghall-konvenut Direttur Generali tal-Kuntratti.***

***Tichad it-tieni eccezzjoni tar-risposta guramentata li l-konvenuta Malta Tourism Authority ipprezentat fid-9 ta` Dicembru 2009, u l-eccezzjoni ulterjuri li l-istess konvenuta pprezentat fit-18 ta` Ottubru 2013, spejjez ghall-konvenuta Malta Tourism Authority.***

5) **<u>Bidla fit-tieni talba</u>**

Fil-31 ta` Awissu 2015, l-attrici pprezentat rikors fejn talbet bidla fit-tieni talba sabiex tigi taqra hekk :-

minflok tibqtalbet illi t-tieni talba ma tibqax taqra dik li hija sal-lum u cioe :-

*konsegwentement tirrevoka d-decizjoni moghtija fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti mill-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici fl-14 ta` Ottubru 2009 u* ***tghaddi sabiex tiddikjara illi l-appell tal-istess socjeta` rikorrenti tas-6 ta` Awissu 2009 kien wiehed fondat fil-fatt u fid-dritt u, konsegwentement, kien jimmerita li jigi milqugh.***

It-talba kienet opposta mill-konvenuti kollha.

**Fit-<u>30 ta` Novembru 2015</u>, il-Qorti tat provvediment fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors taghha tal-31 ta` Awissu 2015, b`dan illi ordnat in-notifika tar-rikors promotur kif mibdul lill-intimati, u tathom zmien ghoxrin (20) jum sabiex iwiegbu bil-miktub ghar-rikors guramentat promotur kif mibdul. L-ispejjez ta` l-provvediment baqghu rizervati ghall-gudizzju finali.**

6) **<u>Eccezzjonijiet ritirati</u>**

**Wara l-provvediment taghha tat-30 ta` Novembru 2015, id-Direttur Generali tal-Kuntratti irtira l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tar-risposta guramentata tal-bidu fl-udjenza tad-19 ta` Ottubru 2015.**

7) **<u>Risposti ulterjuri</u>**

Wara li saret in-notifika tar-rikors guramentat kif mibdul bil-provvediment taghha tat-30 ta` Novembru 2015, kienu prezentati risposti guramentati ulterjuri.

a) **<u>Direttur Generali tal-Kuntratti</u>**

Kienet prezentata fit-28 ta` Dicembru 2015 u taqra hekk :-

*Illi din ir-risposta guramentata ulterjuri qeghda ssir min-naha tad-Direttur intimat skont id-digriet ta` din l-Onorabbli Qorti tat-30 ta` Novembru 2015. Dana minkejja li sal-lum ghadu ma rceviex formalment ir-rikors guramentat kif mibdul ;*

*Illi ghalhekk b`zieda mal-eccezzjonijiet migjuba fir-risposta originali tieghu, id-Direttur intimat qieghed iressaq dawn l-eccezzjonijiet godda bi twegiba ghar-rikors guramentat kif mibdul :-*

*1. Illi fl-ewwel lok it-tieni talba kif korretta hija nkompatibbli u tikkontradixxi t-tielet, ir-raba` u l-hames talba kif migjuba fir-rikors mahluf taghha. Tassew il-kumpannija rikorrenti ma tistax tippretendi li jigi milqugh l-appell taghha mressaq quddiem il-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici meta fl-istess hin hija qed titlob is-sejha pubblika kellha tigi kkancellata u ma tibqax aktar ipprocessata. L-inkompatibbilita` bejn it-talbiet ghandha ggib maghha c-cahda tal-azzjoni;*

*2. Illi anke kiku stess, din l-Onorabbli Qorti tinsab imxekkla milli tidhol fil-mertu tal-appell intavolat mill-kooperattiva rikorrenti ghaliex skont ir-**regolamenti 84** u **85 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici** kif vigenti fiz-zmien in kwistjoni, il-kompetenza originali biex tqis jekk skwalifika ta` offerent kinitx siewja jew le, taqa` fir-responsabbilita` tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici (illum mibdul fil-Board ta` Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici). F` dan il-kaz il-Bord qatt ma ppronunzja ruhu dwar il-mertu tal-appell imressaq mill-kooperattiva rikorrenti, ghalhekk mhuwiex moghti lil din l-Onorabbli Qorti li tiddeciedi din il-kwistjoni qabel il-Bord. Kemm hu hekk, skont ir-**regolament 84(19)** il-Prim` Awla tal-Qorti Civili ghandha l-jedd li tidhol fuq il-kwistjoni biss wara li jkun hemm decizjoni tal-Bord.*

*3. Illi wara kollox jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li l-appell sottomess mill-kooperattiva rikorrenti ma kienx tardiv allura l-Bord ghadu sal-lum jista` jisma` l-ilmenti tal-istess kooperattiva dwar l-iskwalifika taghha;*

*4. Illi minghajr hsara ghall-premess, il-kooperattiva rikorrenti ma tistax tnehhi l-iskwalifika taghha ghaliex hija ma appellatx mid-decizjoni tal-Kumitat Generali tal-Kuntratti tal-25 ta` Frar 2009 (ara* ***Dok. A*** *mehmuz mar-rikors mahluf). Ladarba hija ma appellatx fiz-zmien moghti lilha bil-ligi allura dan ifisser li l-iskwalifika taghha llum hija wahda finali u nsindikabbli;*

*5. Illi dejjem bla pregudizzju ghal dak fuq imsemmi, l-iskwalifika tal-kooperattiva rikorrenti kienet wahda tajba minhabba li hija naqset milli tipprovdi bank statements skont kif kien mitlub fl-****artikolu 3*** *f`pagna 3 tad-dokument tas-sejha. Minflok bank statements kif suppost, il-kooperattiva rikorrenti provdiet zewg ittri redatti mill-Banca Monte dei Paschi di Siena u mill-Bank of Valletta (ara fol. 330 u 331 tal-process) li ma fihom l-ebda dettalji dwar il-kontijiet bankarji taghha. Ghalhekk l-offerta taghha ma kienx fiha dak li kien qieghed jintalab;*

*6. Illi f`kull kaz dawn iz-zewg ittri prodotti mill-kooperattiva rikorrenti kien hemm fihom dikjarazzjonijiet mill-banek li jghidu li huma mhumiex qeghdin jiggarantixxu t-taghrif moghti fihom u lanqas jassumu responsabbilita`. B`dawk id-dikjarazzjonijiet ta` ezoneru u ta` nuqqas ta` garanzija min-naha tal-banek, l-ittri gew ma jiswew xejn u ghalhekk l-effett u l-valur taghhom spicca newtralizzat;*

*7. Illi huwa principju stabbilit fil-qasam tal-ghoti ta` kuntratti pubblici li l-operaturi ekonomici ghandhom jigu trattati kollha bl-istess mod. Dan jista` jsir biss billi wiehed jimxi mal-kundizzjonijiet u l-htigijiet tas-sejha. F`dan il-kaz ladarba l-kooperattiva rikorrenti ma qaghditx ma` dak mitlub minnha fid-dokument tas-sejha, hija ma tistax tippretendi trattament vantaggjuz fuq haddiehor li kien konformi;*

*8. Illi dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, gjaladarba l-kooperattiva rikorrenti wehlet fit-tieni stadju tal-evalwazzjoni, dak pertinenti mal-aspett tekniku u amministrattiv, b`dan li t-tielet pakkett finanzjarju taghha baqa` qatt ma nfetah sal-lum, allura jekk kemm-il darba in pessima ipotezi din l-Onorabbli Qorti ssib l-iskwalifika tal-kooperattiva rikorrenti kienet wahda zbaljata, il-konsegwenza ta` tali konkluzjoni ghandha tkun li l-process jintbaghat lura ghand id-Dipartiment tal-Kuntratti biex jinfetah it-tielet pakkett sottomess mill-kooperattiva rikorrenti biex jigi stabbilit jekk dan il-pakkett huwiex konformi mar-rekwiziti tad-dokument tas-sejha u l-prezz*

*hemm indikat jigi mqabbel mal-offerenti l-ohra li baqghu jippartecipaw fis-sejha;*

*Bl-ispejjez kontra l-kooperattiva rikorrenti li qiehda tigi ngiunta in subizzjoni.*

**b)** **<u>Market Intelligence Services Company Limited u ta` Outlook Management and Communications Cooperative Society Limited</u>**

Kienet prezentata fit-<u>23 ta` Frar 2016</u> u taqra hekk:–

*1. Illi l-ewwel zewg talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici stante li, kuntrarjament ghal dak minnha allegat, il-procedura pprezentata minnha fis-(6) ta` Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) ma kinitx valida u ammissibbli skont id-dispozizzjonijiet relattivi ta` ligi applikabbli in materja. Inoltre u minghajr pregudizzju, dwar it-tieni talba attrici anke li kieku dato ma non concesso l-procedura pprezentata mill-attrici fis-sitta (6) ta` Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) kienet valida u ammissibbli skont il-ligi, din l-Onorabbli Qorti tkun trid tidhol f`ezami approfondit dwar il-mertu tal-istess qabel ma tesprimi ruhha f`dak ir-rigward;*

*2. Illi dwar it-tielet (3), ir-raba` (4) u l-hames (5) talbiet attrici, filwaqt li dawn isegwu d-dispositiv tad-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubblici datat erbatax (14) ta` Ottubru elfejn u disgha (2009) (kaz Nru. 164), ma jistghux jigu milqugha stante l-invalidita` u l-inammissibilita` tal-procedura attrici tas-sitta (6) ta` Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) hawn aktar qabel indikata;*

*3. Illi, ghal kull bwon fini, dwar l-allegata rizerva ta` danni fil-konfront tal-eccipjenti kontenuta wara t-talbiet gudizzjarji attrici enumerati, kwalunkwe pretensjoni f`dan ir-rigward tinsab ampjament preskritta skont l-artikolu elfejn mija tlieta u hamsin (2153) tal-Kodici Civili, Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta` Malta. Inoltre u minghajr pregudizzju, ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn l-eccipjenti u l-attrici dwar din l-istess allegata rizerva ta` danni fil-konfront tal-eccipjenti, ma hemm l-ebda kaz ta` dannu kagonat lill-attrici min-naha tal-eccipjenti.*

*Salv kwalunkwe eccezzjoni ulterjuri permessa mil-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici.*

**c) <u>Malta Tourism Authority</u>**

Kienet prezentata fid-<u>29 ta` Frar 2016</u> u taqra hekk :–

*Illi din ir-risposta guramentata ulterjuri qeghda tigi ntavolata mill-Awtorita` intimata wara li giet notifikata bir-rikors guramentat emendat tar-rikorrenti Logos Societa` Cooperativa fil-11 ta` Frar, 2016;*

*Illi ghalhekk b`zieda mal-eccezzjonijiet li gew ipprezentati fir-risposta originali taghha datata 9 ta` Dicembru, 2009, l-Awtorita` qeghda tressaq dawn l-ecezzjonijiet ulterjuri :-*

*1. Illi n-natura tat-talbiet tar-rikorrenti jirrikjedu li wiehed jidhol fil-mertu tal-appell li kien gie ntavolat minnhom u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex kompetenza u l-gurisdizzjoni necessarja sabiex tidhol f`tali mertu u dan kif jirrizulta mir-regolamenti 83 u 84 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici li kienu vigenti fiz-zmien in kwistjoni, liema regolamenti jipprovdu li huwa l-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici, illum maghruf bhala l-Bord ta` Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici, li ghandu l-jedd li jidhol f`tali materja u mhux din l-Onorabbli Qorti;*

*2. Illi oltre li huwa l-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici li ghandu l-kompetenza u l-gurisdizzjoni necessarja sabiex jidhol fil-mertu tal-kaz, f`dan il-kaz il-Bord in kwistjoni qatt ma dahal fil-mertu tal-appell u dan kif gie kkonfermat f`paragrafu numru hdax (11) fir-rikors guramentat tar-rikorrenti u ghalhekk la darba ma hemmx decizjoni fuq il-mertu mill-Bord din l-Onorabbli Qorti mhijiex f`pozizzjoni li tiddeciedi fil-mertu qabel ma jkun ha tali decizjoni fuq il-mertu l-istess Bord;*

*3. Illi l-appell sottomess mir-rikorrenti kien gie skwalifikat fid-dawl tal-fatt li l-istess rikorrenti naqset milli tappella fiz-zmien moghti lilha mil-ligi u ghalhekk ir-rikorrenti ma tistax tippretendi li ma tibqax tigi*

*kkunsidrata li kienet skwalifikata u dan specjalment meta ma appellatx mid-decizjoni tal-Kumitat Generali tal-Kuntratti tal-25 ta` Frar, 2009 entro t-terminu prefiss u dan kif kellha kull dritt li taghmel;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq imsemmi, l-iskwalifika tar-rikorrenti kienet wahda korretta stante li r-rikorrenti naqset milli tipprovdi bank statements adegwati kif kien jitlob id-dokument tas-sejha – inoltre in vista tal-fatt li t-tielet pakkett finanzjarju tar-rikorrenti qatt ma kien infetah, wiehed ma jistax jaqbad u jiddikjara li r-rikorrenti kienet timmerita l-ghoti tat-tender in kwistjoni minghajr ma jitkompla l-process u jigi stabbilit jekk ir-rikorrenti kinitx konformi mar-rekwiziti tad-dokument tas-sejha u kif tipparaguna mal-offerenti ohra;*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ngiunta in subizzjoni.*

**d) <u>Economic and Management Consultancy Services Limited (EMCS) Consortium</u>**

Kienet prezentata prezentata fit-<u>2 ta` Marzu 2016</u> u taqra hekk:–

*1. Illi preliminarjament, ghal kull buon fini, il-konsorzju esponenti huwa ndikat b`isem hazin, stante illi l-konsorzju huwa ffurmat mis-socjetajiet Economic and Management Consultancy Services Ltd (C 6299), We Advertise Limited (C 31536), Malta University Consulting Limited (C8317) u l-Malta Institute of Management (VO12) u mhux kif erronjement citat fl-att promotur;*

*2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tielet talba attrici hija perenta ai termini tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (Avviz Legali 177 tal-2005);*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-infondatezza tat-tielet talba attrici stante illi d-decizjoni tat-28 ta` April 2009 tal-Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubblici kienet wahda gusta u valida u in ogni kaz hija res judicata u inappellabbli;*

*4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-infondatezza tal-ewwel talba attrici stante illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubblici hija gusta u timmerita konferma in kwantu din iddikjarat l-appell tas-socjeta` rikorrenti bhala null stante illi gie ntavolat fuori termine;*

*5. Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-insostenibbilita` tat-tieni talba attrici stante illi l-ligi specjali applikabbli u senjatament ir-Regolament 84(19) tal-Avviz Legali 177 tal-2005, hija specifikament intiza ghal cirkostanzi fejn l-offerent ihossu aggravat mid-decizjoni tal-Bord tal-Appelli u ghalhekk fl-aghar kaz li tintlaqa` l-ewwel talba attrici jrid ikun l-istess Bord li jiddeciedi jekk l-appell fil-mertu hux fondat jew le qabel ma tigi ntavolata azzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti fuq l-istess mertu;*

*6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, is-socjeta` attrici giet infurmata bir-raguni li wasslet ghad-decizjoni tal-iskwalifika tal-offerta taghha, ossia n-nuqqas ta` konformita` mar-rekwiziti amministrattivi, fil-25 ta` Frar 2009, liema decizjoni l-attrici ghazlet li ma tappellax u ghalhekk id-decizjoni tal-Kumitat Generali tal-Kuntratti hija ormai inappellabbli;*

*7. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, jekk semmai kien hemm decizjoni li ghandha tigi revokata, hija dik li permezz taghha, fil-31 ta` Lulju 2009 (Dok C mar-rikors promotur), is-socjeta` attrici nghatat cans iehor sabiex toggezzjona ghad-decizjoni ta` skwalifika taghha, liema decizjoni tmur kontra d-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Kuntratti Pubblici kif ukoll kontra d-decizjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti datata 28 ta` April 2009, liema decizjoni ttiehdet b`mod gust u skont l-istess regolamenti;*

*8. Illi wkoll fil-mertu, l-unika offerta li setghet giet skwalifikata fil-31 ta` Lulju 2009 kienet dik tal-EMCS, liema eventwalita` ma gratx, izda jibqa` l-fatt li hi biss seta` kellha l-opportunita` li tappella u dan peress li f`dak l-istadju z-zewg offerenti l-ohrajn kienu diga` gew skwalifikati xhur qabel, liema decizjoni huma ghazlu li ma jappellawx;*

*9. Illi fil-mertu, assolutament mhux minnu dak premess fis-sitt paragrafu tar-rikors guramentat, u dan ghaliex fl-ebda stadju wara l-iskwalifika tal-offerta attrici ma rega` gie 'ri-attivat il-process tat-tender' u wisq anqas ma gie mitlub lill-Kumitat ta` Evalwazzjoni sabiex 'terga tigi*

*evalwata l-offerta teknika tal-offerenti kollha'. Anzi, fid-decizjoni tal-PCAB datata 14 ta` Ottubru 2009, johrog car illi prova krucjali li fuqha bbazat id-decizjoni taghha il-PCAB kienet fil-fatt dik moghtija minn Mr. F. Albani fejn stqarr illi 'the adjudication board had not re-examined the tenders of the two appellants in the second instance' (l-ewwel sentenza f`pagna 13 tad-decizjoni datata 14 ta` Ottubru 2009, anness mar-rikors promotur u mmarkat bhala* ***Dok. G****) u ghalhekk isegwi l-argument li jekk ma kienx hemm ri-evalwazzjoni ma setghax kien hemm (ri)skwalifika u wisq inqas dritt ta` appell, jew ahjar, it-tieni dritt ta` appell ghall-istess skwalifika;*

*10. Illi ghalhekk kull ma ghamel il-Kumitat ta` Evalwazzjoni fit-tieni stanza kien li rriproduca l-istess ragunijiet ta` skwalifika li kienu gew imhabbra fl-ittra tal-25 ta` Frar 2009 u certament li ma kienx il-kaz li s-socjeta` attrici giet skwalifikata darbtejn ghall-istess raguni;*

*11. Illi ghalhekk f`dan il-kaz peress illi r-raguni li ghaliha giet skwalifikata s-socjeta` attrici nghatat lilha fil-25 ta` Frar 2009 u hi, minn jeddha, ghazlet li ma tappellax, ma jifdal ebda dubju dwar il-fatt illi l-appell sussegwenti tas-6 ta` Awwissu 2009 mhuwiex ammissibbli;*

*12. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-insostennibilita` partikolarment fil-konfront tal-konsorzju esponenti tar-raba` u l-hames talbiet attrici stante illi x-xoghol fuq it-tender 'ESF2.11 Developing Leaders for Change and Innovation in Tourism, CT 2608/2008' illum tlesta kollu kif jirrizulta mit-tlett affidavits li pprezentat EMCS waqt is-seduta tal-25 ta` Marzu 2013 u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti hi ezawtorata milli 'tannulla kull process' u 'tordna l-korrezzjonijiet mehtiega' stante li l-mertu tat-talbiet huwa ezawrit;*

*13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

**7) <u>Talbiet ritirati</u>**

**Is-socjeta` attrici rtirat ir-raba` u l-hames talbiet skont verbal li sar fl-udjenza tal-14 ta` April 2016 u kkonfermat b`nota tad-19 ta` April 2016.**

8) **Id-decizjoni tal-lum**

**Skont il-verbal tal-udjenza tal-14 ta` April 2016, kien hemm qbil illi l-Qorti ghanda taghti decizjoni dwar l-ewwel u t-tielet talbiet attrici biss.**

9) **Noti ta` osservazzjonijiet**

Il-partijiet kollha pprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

10) **Sottomissjonijiet tal-ahhar**

Saru sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm fl-udjenza tal-14 ta` Lulju 2016.

11) **Id-digriet tal-ahhar**

Fl-istess udjenza tat digriet fejn halliet il-kawza ghal-lum dwar l-ewwel u t-tielet talbiet attrici.

Il-Qorti rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawza, kif ukoll rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**II. Il-provi fil-qosor**

**Saviour Debono** pprezenta kopja tad-decizjoni tal-Public Contracts Appeals Board ("PCAB") moghtija fil-kaz Nru 251/2008 fit-28 ta` April 2009 dwar CT/2608/2008 flimkien ma` l-inkartament ta` l-appell.

Ix-xhud fisser li l-appell sar mill-EMCS Consortium. L-appell kien notifikat lill-appellant, lid-Dipartiment tal-Kuntratti u lill-Contracting Authority. Mistoqsi jekk it-tenderers l-ohra ppartecipawx fl-appell, ix-xhud spjega li dawn ma kinux appellaw.

Ipprezenta wkoll kopja tad-decizjoni tal-14 ta` Ottubru 2009 tal-PCAB fit-tender nru CT/2608/2008 flimkien ma` dokumenti ohra.

Qal illi waqt ix-xiehda, jittiehdu noti, isir recording ghal uzu intern, u mbaghad is-Segretarju jisma` t-tapes u jsiru l-minuti.

Fisser illi fit-tieni appell kienu notifikati l-appellanti u cioe` s-socjeta` attrici u l-konsorzju ta` MISCO li appellaw separatament u l-EMCS Consortium li kien ir-*recommended bidder*. Gew notifikati wkoll l-*Contracting Authority* u d-Dipartiment tal-Kuntratti. L-appell ma kienx instema` ai termini ta` l-Art 82 tal-Public Contracts Regulations ("PCR"). Wara li tintemm l-udjenza, il-PCAB ikollu ghaxart ijiem biex jaghti decizjoni. Tista` ssir talba ghal estensjoni taz-zmien lid-Direttur Generali tal-Kuntratti. Id-decizjoni tintbaghat lid-Direttur Generali tal-Kuntratti li jippubblikaha ; mhux il-PCAB. Id-decizjoni tkun iffirmata mic-Chairman u l-membri kollha tal-PCAB. Meta jircevieha d-Direttur Generali tal-Kuntratt, jiffirmaha wkoll. Id-Direttur Generali tal-Kuntratti rcieva d-decizjoni fis-16 ta` Ottubru 2009.

**Francis Attard** – Direttur Generali tal-Kuntratti – xehed illi fil-5 ta` Dicembru 2008 id-Dipartiment tal-Kuntratti ghan-nom tal-Awtorita` Maltija ghat-Turizmu ppubblika sejha ghall-offerti bl-isem ta` *Developing Leaders for change and innovation in tourism business Deveopment CPD for Tourism Senior Management*. Din is-sejha ghall-offerti kienet taqa` taht il-process tat-tlett pakketti. Saru tlett offerti u l-Kumitat ta` Evalwazzjoni ddetermina li l-ebda offerta ma kienet tikkwalifika. Ghalhekk l-Kumitat Generali tal-Kuntratti ddetermina fis-seduta ta` l-24 ta` Frar 2009 li l-offerti kollha jigu rifjutati bil-konsegwenza li din is-sejha giet imhassra. Minn din id-decizjoni, EMCS Consortium ("EMCS") appellat quddiem il-PCAB. Id-decizjoni tal-PCAB kienet illi t-talba ta` l-EMCS kienet gustifikata u ghalhekk kellha terga` tidhol fil-process ta` aggudikazzjoni. Id-Dipartiment tal-Kuntatti rreintegra lill-EMCS fil-process. Wara li l-offerta ta` EMCS giet evalwata mill-gdid kif qal il-PCAB li kellu jsir, instab li l-offerta kienet teknikament tajba. Fil-31 ta` Lulju 2009, id-Dipartiment tal-Kuntratti nforma lill-offerenti l-ohra permezz ta` ittra li sakemm ma kienux sejrin jappellaw mir-rakkomandazzjoni li sabet l-offerta ta` EMCS amministrattivament u teknikament konformi, kien sejjer jinfetah it-tielet pakkett. Wara dik l-ittra sar appell mis-socjeta` attrici u mill-konsorzju ta` MISCO ; l-appelli kienu michuda. Id-decizjoni tal-PCAB kienet finali fis-sens li torbot lid-Direttur

tal-Kuntratti li m`ghandux jedd jappella jew jimmodifika dik id-decizjoni. Id-Dipartiment tal-Kuntratti jimplimenta d-decizjoni tal-PCAB. Id-decizjoni li ma jintlaqax l-appell tas-socjeta` appellanti ma kinitx tad-Dipartiment tal-Kuntratti izda tal-PCAB bil-konsegwenza li d-Dipartiment tal-Kuntratti ma jistax iwiegeb ghall ghemil tal-Bord.

Kompla jixhed illi l-ittra tal-25 ta` Frar 2009 a fol 8 tal-process kienet indirizzata lis-socjeta` attrici u lis-socjetajiet l-ohra li ppartecipaw fis-sejha ghall-offerti in kwistjoni u cioe` Market Intelligence Services Company Limited u Icon Management Consultancy Services Consortium. Saz-zmien ta` dik l-ittra, hadd ma kien ikkwalifika ghat-tender u ghalhekk il-Kumitat Generali tal-Kuntratti ("KGK") ddecieda li t-tender tigi kancellata. Id-decizjoni giet komunikata qabel sar l-appell. Billi l-KGK iddecieda li l-process tat-tender kellu jithassar, l-appell kellu jsir skond ir-Reg 83. Id-differenza principali bejn appell skond ir-Reg 82 u r-Reg 83 hija li skond ir-Reg 82, iz-zmien ghall-appell huwa ta` erbat (4) ijiem tax-xoghol mentri skond ir-Reg 83 iz-zmien huwa ta` ghaxat (10) ijiem. Meta jsir appell skond ir-Reg 82, dan jigi notifikat biss lill-partijiet interessati u lid-dipartiment li jkun involut. L-appell tal-MCS Consortium sar skond ir-Reg 83 u dahal entro l-ghaxart mid-data tal-pubblikazzjoni tad-decizjoni.

Xehed illi d-data ta` l-ewwel ittra ta` l-appell ta` EMCS Consortium Limited kienet id-9 ta` Marzu 2009. Dan l-appell sar in segwitu ghal decizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti ghall-kancellament tal-procedura kollha tat-tender peress li ma kien hemm l-ebda offerent li kien konformi mal-kondizzjonijiet kollha tat-tender. L-appell sar skond ir-Reg 83 peress li din hija d-disposizzjoni li tapplika meta jkun hemm kancellament. Fit-tender kien hemm tliet offerenti li ma kinux jikkwalifikaw wara l-ftuh tat-tieni pakkett ; it-tielet pakkett ma kienx infetah. Meta l-procedura tkompli, id-disposizzjoni applikabbli hija r-Reg 82 mentri fil-kaz ta` skwalifika u kancellament tal-procedura, japplika r-Reg 83. Id-decizjoni tal-PCAB dwar l-appell ta` l-EMCS Consortium nghatat fit-28 ta` April 2009.

Fisser illi l-PCAB kien iddecieda li l-iskwalifika ta` l-offerta ta` l-appellanti ma kinitx valida ; ghalhekk kellha terga` tigi reintegrata u il-process tat-tender kellu jigi riattivat. Bhala konsegwenza, l-offerti tat-tliet bidders rega` marru ghand il-Kumitat ta` Evalwazzjoni biex iqis it-tliet offerti. Fit-tieni evalwazzjoni, l-Adjudicating Committee qal li l-offerta ta` l-EMCS kienet valida u rrakkomanda li jinfetah it-tielet pakkett. Iz-zewg offerti l-ohra kienu dikjarati bhala mhux konformi u ghalhekk kienu skwalifikati. Skont ir-rapport li wasal ghand id-Dipartiment tal-Kuntratti,

saret evalwazzjoni tat-tlett offerenti. Fl-ewwel procedura, ir-raguni tal-iskwalifika tas-socjeta` attrici kienet *administrative non compliance since both parties of the Consortium failed to submit bank statements as required by Article 3 of the tender document* mentri fil-kaz ta` l-EMCS ir-raguni kienet li *the tender submitted by you was administratively non compliant and the appropriate original bank statements were not submitted.* Id-differenza bejn it-tnejn kienet li filwaqt li s-socjeta` attrici ma ssottomettiet l-ebda *bank statements*, EMCS ma tatx l-*original bank statements.* Wara li gie deciz li jghaddi EMCS Consortium u l-offerenti l-ohra jigu skwalifikati, dawn kienu nfurmati u s-socjeta` attrici ghamlet l-appell. Ir-raguni ta` l-iskwalifika ta` s-socjeta` attrici ta` Lulju 2009 kienet identika ghall-ewwel skwalifika ta` Frar 2009 u cioe` li ma kenitx ipprezentat *bank statements*. L-appell taghha kien abbazi tar-Reg 82(4).

Kompla jghid illi l-appell sar skond il-Public Contracts Regulations 2005 li kienu sostitwiti mill-Public Procurement Regulations 2010. Huwa kien prezenti waqt is-smigh fil-pubbliku tal-appell ta` l-EMCS Consortium. Id-decizjoni tal-PCAB hija vinkolanti fuq id-Direttur tal-Kuntratti u fuq l-offerent innifsu.

Qal illi t-tieni rapport ta` l-Evaluation Committee kien riferut lid-Dipartiment tal-Kuntratti. Wara tressaq quddiem il-Kumitat Generali tal-Kuntratti biex dan ighid jekk kienx qed jaqbel mal-konkuzjonijiet. L-ahhar kelma tkun tad-Direttur tal-Kuntratti.

Xehed illi s-socjeta attrici rega` kienet skwalifikata fil-process tat-tieni pakkett. Malli jsir appell, il-process kollu jigi sospiz. Fil-procedura ta` l-appell li giet deciza fl-14 ta` Ottubru 2009, fil-kaz tal-EMCS Consortium nghatat rakkomandazzjoni lid-Dipartiment tal-Kuntratti, mentri fil-kaz taz-zewg offerenti l-ohra, il-PCAB ha decizjoni finali.

Qal ukoll li skont dokumentazzjoni li ha konjizzjoni taghha, irrizulta li kien sar addendum bejn id-Dipartiment tal-Kuntratti u l-kuntrattur fejn il-perijodu ta` l-ezekuzzjoni gie estiz sad-29 ta` Mejju 2013. Jidher li l-estensjoni kienet iffirmata wara li kien skada t-terminu. L-emendi ghall-execution period imorru lura ghal Lulju 2012. Fisser illi f`kull kuntratt, jitnizzel l-execution period izda jekk l-obbligi tal-kuntrattur ma jkunux twettqu fil-perijodu li jkun, il-kuntrattur jibqa` obbligat u l-awtorita` kontraenti jkollha d-dritt timponi penali ghal dewmien. F`dan il-kaz mhux hekk sar ghaliex saret l-estensjoni peress li l-kuntrattur kien qed jiffinalizza

certa obbligi li kellu fosthom rapport. L-awtorita` kontraenti hadet posizzjoni fis-sens illi l-kaz ma kienx jimmerita li tigi mposta penali fuq il-kuntrattur.Spjega li ma nhassx da parti tal-Contracting Authority illi kien hemm xi nuqqas da parti tal-kuntrattur li jimmerita imposizzjoni ta` penali.

Sostna li r-rwol tad-Dipartiment tal-Kuntratti huwa li jara li l-ghoti ta` kuntratt wara s-sejhiet ghall-offerti isir b`mod gust, trasperenti u bla ebda diskriminazzjoni bejn operaturi ekonomici. Kwistjonijiet ta` dewmien jigu indirizzati mill-awtorita` kontraenti. Id-Dipartiment tal-Kuntratti jerga` jidhol fil-process jekk tinhass il-htiega ta` xi varjazzjonijiet fil-kuntratt jew jinqalghu kwistjonijiet dwar il-perijodu ta` ezekuzzjoni jew jekk ikun hemm rati godda.

**Francis Albani** xehed illi fil-kaz in kwistjoni huwa kien ic-Chairman tal-Evaluation Committee. Dak iz-zmien huwa impjegat fl-ufficcju tal-Prim` Ministru bhala Direttur (Turizmu). Bhala Chairman, ma kellux vot. L-iskop tat-tender CT 2608/2008 kien li jitharrgu 1,380 persuna impjegati fit-turizmu u li jsiru zewg studji ta` ricerka. Fit-tender, il-Malta Tourism Authority kienet involuta limitatament ghall-evalwazzjoni tal-offerti fil-mertu taghhom. L-Evaluation Committee kien ikkonkluda li t-tlett offerti kienu *administratively non compliant* u hekk irrakkomanda lid-Direttur tal-Kuntratti li min-naha tieghu accetta r-rakkomandazzjoni. L-EMCS Consortium appella mid-decizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti u l-PCAB laqa` l-appell fis-sens li EMCS Consortium gew reinstated. L-ebda offerent iehor ma kien appell f`dak l-istadju. L-offerta ta` EMCS Consortium li allura kienet l-unika wahda li kien ghad fadal rega` marret quddiem l-Evaluation Committee sabiex jidhol fil-parti teknika ta` l-offerta. Instab li l-offerta ta` EMCS Consortium kienet teknikament konformi. Il-membri ta` l-Evaluation Committee ma kinux membri tal-PCAB izda r-rwol ta` l-kumitat fl-istadju ta` l-appell kien limitat ghal spjegazzjoni tar-rapport lill-PCAB. Wara li kien iffirmat il-kuntratt ma` EMCS Consortium, l-1,380 student kienu gew divizi fi tliet intakes. Fid-data meta ta x-xiehda tieghu, il-progett kien wasal f`nofs l-ahhar intake peress li l-ewwel u t-tieni intakes kienu tlestew. Wahda mit-tlett field visits internazzjonali li kienu ppjanati saret waqt li z-zewg studji ta` ricerka tlestew ukoll. Il-progett kien wasal propju fl-ahhar tieghu.

**Joseph F. X. Zahra** xehed li huwa direttur ta` Market Intelligence Services Company Limited (MISCO). Il-kumpannija flimkien ma` Outlook Management and Communications Cooperative Society Limited (OUTLOOK) ghamlu consortium biex jippartecipaw fit-tender mertu ta` din il-kawza. Permezz ta` decizjoni li ha d-Direttur Generali tal-Kuntratti fil-31 ta` Lulju

2009, it-tender taghhom ma gietx maghzula minhabba li l-offerta teknika kontenuta fit-tieni pakkett ma kinitx amministrattivament konformi mad-dokument tat-tender. Kellhom erbat ijiem tax-xoghol sabiex jappellaw quddiem il-PCAB u hekk sar. Fl-14 ta` Ottubru 2009 il-PCAB iddecieda li z-zmien ta` erbat ijiem tax-xoghol kellu jigi kkalkolat mill-25 ta` Frar 2009 ossija minn meta d-Direttur Generali tal-Kuntratti kien hareg l-ewwel decizjoni tieghu fejn kien iddecieda li l-procedura tat-tender kienet giet kancellata. Il-konsegwenza ta` dan kienet li l-appell taghhom u tas-socjeta` attrici kien irregolari ghaliex meta sar l-appell z-zmien ghall-appell kien skada.

Spjega li l-partecipanti kollha fit-tender kienu gew skwalifikati mill-process tat-tender meta fil-25 ta` Frar 2009, id-Direttur Generali tal-Kuntratti ddecieda li l-procedura tat-tender kienet giet kancellata. Il-PCAB li skarta l-appelli taghhom u tas-socjeta` attrici u rrakkomanda lid-Direttur Generali tal-Kuntratti sabiex jirrevedi l-validita` o meno ta` l-appell ta` EMCS Consortium. Qal li din ir-rakkomandazzjoni giet injorata kompletament tant li fit-13 ta` Novembru 2009, deher avviz fuq il-Gazzetta tal-Gvern fejn inghad li t-tender kien inghata lil EMCS Consortium. Huma ma appellawx mid-decizjoni tat-13 ta` Novembru 2009.

Fix-xiehda taghhom, **Lawrence Zammit** direttur iehor ta` MISCO u **Godfrey Kenely** direttur ta` OUTLOOK ikkonfermaw id-deposizzjoni ta` Joseph F.X. Zahra.

**Bernard Bartolo** xehed li fiz-zmien tal-kwistjoni kien Assistant Director - EU related procurement – fid-Dipartiment tal-Kuntratti. Ikkonferma li Dok C a fol 11 u Dok D a fol 12 kienu kopji ta` zewg ittri li kien kiteb hu.

**Adrian Said** xehed li huwa Direttur Manigerjali ta` Economic and Management Consultancy Services Limited. L-EMCS Consortium rebah it-tender mertu ta` din il-kawza u l-kuntratt kien iffirmat fis-16 ta` Frar 2010. Ix-xoghol beda immedjatament u l-ftehim mal-Awtorita` tat-Turizmu kien fis-sens illi l-programm ta` tahrig jitqassam fuq tliet korsijiet ripetuti b`kull kors idum tmien xhur. L-ewwel kors beda f`Ottubru 2010, it-tieni wiehed f` beda f`Ottubru 2011 u t-tielet f`Marzu 2012. It-tlett korsijiet spiccaw u l-gradwazzjoni ta` l-istudenti saret f`Novembru 2011, f`Ottubru 2012 u fi Frar 2013. Il-miri tal-progett inkisbu u mill-1400 student li bdew il-kors kienu ggradwaw aktar minn 1000 student.

Fil-**kontroezami** Adrian Said stqarr li r-rwol partikolari tieghu kien dak ta` project leader ; huwa kien jikkordina l-consortium. George Papagiorcopulo kien wiehed mill-persuni li ha hsieb l-operat ta` l-kuntratt. Il-kuntratt kien iffirmat fis-16 ta` Frar 2010 u kellu perijodu fiss ta` ezekuzzjoni ta` madwar tliet snin. Il-kuntratt kien konkluz. Skont it-tender, kull kuntratt kellu jinghalaq b`concluding report li abbazi tieghu, isir il-hlas finali. Fir-rapport ikun summary tal-operat tal-kuntratt kollu.

**George Papagiorcopulo** Direttur Manigerjali ta` MS Three Services Ltd u project manager ta` l-kuntratt u **Paul Josef Vassallo** direttur ta` WE Advertise Limited u membru ta` EMCS Consortium ikkonfermaw id-deposizzjoni ta` Adrian Said.

**John Magri** mill-Malta Tourism Authority ikkonferma x-xiehda ta` Francis Albani.

Fil-**kontroezami**, huwa xehed li kien il-persuna responsabbli mill-progett u kien jaghmel parti mill-Evaluation Committee. Qal li wara li kien gie kancellat it-tender, il-kumitat evalwa on a technical basis biss il-bid ta` l-EMCS Consortium. Ma kellhom l-ebda direzzoni minghand id-Direttur tal-Kuntratti biex jergghu jqisu l-offerti mill-gdid. Mistoqsi mill-gdid l-istess domanda, huwa xehed li ma kienx cert x`kien intalab ezatt li jsir mid-Direttur tal-Kuntratti. Qal illi l-letter of acceptance harget f`Dicembru 2009 u l-kuntratt kien ghal tliet snin. Il-kuntratt kien jikkonsisti fit-tahrig ta` nies impjegati fit-turizmu u ma` dan kellha ssir ricerka. Il-kuntratt ghalaq fid-29 ta` Mejju 2013 u twettqu l-affarijiet kollha li kien hemm fit-tender. Ir-rapport finali gie sottomess u approvat mill-MTA qabel id-29 ta` Mejju 2013. Il-kuntratt kien maghluq u li kien fadal kien illi jsir l-ahhar pagament. Fil-fatt l-MTA infurmat lid-Dipartiment tal-Kuntratti li l-kuntratt kien maghluq. Wara li jsir il-hlas, ma kien hemm l-ebda rabtiet ohra bejn l-MTA u EMCS.

Ippreciza li fil-fatt kien hemm estensjoni zghira fil-kuntratt peress li l-award tal-kuntratt sar f`perijodu iktar tard u ghalhekk kellu jigi estiz, izda bhala hlas u bhala ammont ta` nies li tharrgu kollox baqa` l-istess. Inbidel biss bi ftit it-time frame. Muri d-dokument a fol 249 tal-process, ikkonferma li minnu kien jidher li l-kumitat evalwa mil-lat ta` amministrazzjoni t-tlett offerti.

**Av. Dr. Franco Agius – Senior Manager - Dipartiment tal-Kuntratti** – xehed li s-sejha ghall-offerti in kwistjoni harget qabel Gunju 2010. Kienet regolata bl-Avviz Legali 177/2005, kif emendat. Billi l-istima ta` din it-*tender* kienet gholja, kien hemm il-process ta` tlett pakketti : l-ewwel pakkett bil-*bid bond* ; it-tieni pakkett : bl-offerta teknika ; u t-tielet pakkett bl-offerta finanzjarja. F`dan it-*tender* partikolari, saret l-evalwazzjoni ta` l-ewwel pakkett. Billi ma kienx hemm problemi, bdiet l-evalwazzjoni tat-tieni pakkett. F`dan l-istadju kienu skwalifikati l-*bidders* kollha ghal ragunijiet diversi. Is-socjeta` attrici kienet skwalifikata ghax ma tatx avviz tal-bord tal-evalwazzjoni tad-direttur tal-kuntratti u ma tatx il-*bank statements* kif mitlub fl-Art 3 tat-*tender document.*

Fisser li t-*three package procedure* hija tali li jinghata dritt ta` appell minn kull stadju ta` evalwazzjoni, jigifieri wara l-ewwel u t-tieni pakkett u anke wara t-tielet pakkett. L-appell isir quddiem il-PCAB u wara quddiem il-Qorti. Ghall-ewwel u ghat-tieni pakkett, it-terminu tal-appell kien ta` erbat ijiem tax-xoghol, waqt li filwaqt li fil-kaz tal-aggudikazzjoni finali, it-terminu kien ta` ghaxart ijiem (*running days)* Meta waqt l-evalwazzjoni tat-tieni pakkett, id-Direttur tal-Kuntratti rrakkomanda sabiex jigi kkancellat it-*tender* minhabba li hadd mill-offerenti ma ghamel offerta accettabbli, dan kien ifisser ghad-Dipartiment tal-Kuntratti, li kienet inghatat aggudikazzjoni finali, u ghalhekk kellu japplika t-terminu ta` ghaxart ijiem mhux dak ta` erbat ijiem tax-xoghol.

Kompla jixhed illi l-offerenti kienu gew avzati b`dan it-terminu permezz ta` ittra. Fl-ittra jkun hemm dettalji dwar id-dritt ta` appell inkluz id-data sa meta jista` jsir appell u l-ammont tad-depozitu li jrid jithallas. F` dak l-istadju, sar appell wiehed minn Eco Management li kienet *joint venture* li kienet tinkludi l-EMCS u *bidder* iehor. Il-PCAB kien laqa` l-appell u rega` pogga lil din il-*joint venture* fil-process tas-sejha. Dawn regghu ddahhlu fl-istadju tat-tieni pakkett.

Stqarr illi l-kumitat ta` evalwazzjoni ghamel rakkomandazzjoni specifika illi kienet riveduta d-decizjoni fir-rigward tal-*bidder* li kien appella izda rega` kienet affermata l-iskwalifika fir-rigward taz-zewg *bidders* ohra. Id-Direttur tal-Kuntratti hareg rakkomandazzjoni billi rega` nforma lill-offerenti bis-sitwazzjoni u din id-darba kkonceda erbat ijiem tax-xoghol sabiex isir l-appell halli b` hekk ikun jista` jghaddi ghat-tielet stadju. Sar

hekk ghax ma kinitx aggudikazzjoni finali. Il-process kompla u zewg *bidders* l-ohrajn ghamlu appell quddiem il-PCAB.

Kompla jghid illi wiehed mill-offerenti kien skwalifikat ghax kien kixef il-prezz fit-tieni pakkett. L-appell l-iehor kien jirrigwarda l-*bank statement* tas-socjeta` Logos. Dwar il-kwezit jekk l-EMC Consortium kellux jigi skwalifikat jew le, kienet mertu ta` l-ewwel appell u ma regghetx infethet fid-decizjoni tal-PCAB.

Fisser illi l-PCAB iddecieda li li l-offerenti l-ohra kellhom jappellaw precedentement bhalma ghamlet il-*joint venture* u peress li ma sarx tali appell, il-kaz kien maghluq ghalihom. Il-PCAB ghamel osservazzjoni ukoll illi jkun ghaqli ghad-Dipartiment li kieku d-Direttur tal-Kuntratti kellu jirrevedi l-validita` ommeno ta` l-ewwel appell fejn gie deciz li jirrintegraw lil *joint venture.*

Kompla jghid li d-Direttur tal-Kuntratti qies il-kwistjoni izda ha decizjoni fis-sens illi l-ewwel appell kien validu u kompla bil-kuntratt, bil-konsegwenza li kien iffirmat il-kuntratt ma` Eco Management.

Qal illi llum il-gurnata, il-kuntratt huwa maghluq ghax ghadda z-zmien kollu tieghu u s-servizzi kienu rikjesti nghataw kollha.

## III. <u>Fatti</u>

Fil-5 ta` Dicembru 2008, harget sejha ghall-offerti pubblici mid-Dipartiment tal-Kuntratti fuq talba tal-Awtorita` tat-Turizmu ta` Malta intitolata *Service Tender – ESF2.11 Developing Leaders for Change and Innovation in Tourism Business Development CPD for Tourism Senior Management* bir-referenza numru CT 2608/2008 (fol 337 et seq).

Skont klawsola 4 fil- pagna 4 tat-*tender document*, jirrizulta li s-sejha ghall-offerti kienet ser tkun regolata bil-procedura tat-tlett pakketti, kif kien konfermat ukoll mix-xhieda.

Jirrizulta x`suppost ikun hemm f`kull wiehed mit-tliet pakketti.

Sabiex offerent ighaddi ghall-istadju successiv, irid ighaddi tajjeb mill-istadju ta` qabel. Wara kull stadju kien hemm dritt ta` appell.

Tajjeb jinghad li ladarba l-offerta in kwistjoni harget qabel l-1 ta` Gunju 2010 allura skont Reg 86 tar-regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (Ligi Sussidjarja 174.04) kellhom ikunu applikabbli l-ligijiet li kienu fis-sehh qabel l-1 ta` Gunju 2010. Dwar dan hemm qbil bejn il-partijiet.

Il-konvenuti li kienu offerenti jidher li ssodisfaw l-ewwel stadju, u kienu fl-istadju tat-tieni pakkett. Waqt l-evalwazzjoni tat-tieni pakkett, l-offerenti kollha rcevew ittra datata 25 ta` Frar 2009 minghand id-Direttur Generali tal-Kuntratti (fol 8 tal-process) fejn kienu nfurmati illi ttiehdet decizjoni li tigi kkancellata u mhassra s-sejha ghall-offerti skont is-setgha moghtija lid-Direttur ai termini tal-klawsola 16 tat-*tender document* li tghid : " *... this open tender procedure has been cancelled ... The tender submitted by you was administratively non-compliant since both parties of the Consorium failed to submit bank statements as required by Article 3 of the tender document."* Din l-informazzjoni thabbret fis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Kuntratti (fol 9 sa 10 tal-process). Fl-istess ittra, inghad illi fil-kaz ta` nuqqas ta` qbil ma` dik id-decizjoni, setghet issir oggezzjoni b`terminu li kien jaghlaq fid-9 ta` Marzu 2009.

Irrizulta li l-EMCS Consortium ipprezentat oggezzjoni quddiem il-Bord ta` l-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici fid-9 ta` Marzu 2009 u hallset id-depozitu rikjest (ara fol 73).

Sussegwentement, EMCS Consortium ipprezentat ittra dettaljata bl-oggezzjonijiet tagha datata 12 ta` Marzu 2009 ai termini tar-Reg 83(2)(e) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici tal-2005. L-appell instema` fl-20 ta` April 2009 u fit-28 ta` April 2009, il-Bord ta` l-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici ddecieda li l-offerta ta` l-EMCS Consortium kellha terga` tigi meqjusa mill-gdid. Jinghad : " *... this Board finds in favour of the appellant Company and recommends that the tenderer be re-admitted in this open tender procedure for further evaluation, including the clarification which should have taken place prior to the same committee reaching the conclusion it had reached, namely to disqualify the appellant Company`s bid."*

In segwitu saret evalwazzjoni mill-gdid tat-tieni pakkett tal-EMCS. Instab illi kienet teknikament konformi u ghalhekk giet reintegrata fil-process ta` aggudikazzjoni. Id-Direttur tal-Kuntratti gharraf lis-socjeta` rikorrenti permezz ta` ittra datata 31 ta` Lulju 2009 (fol 11) li l-offerta taghha m` ghaddietx mill-istadju tat-tieni pakkett peress li kien hemm nieqsa d-dokumenti bankarji rikjesti. Inoltre s-socjeta` rikorrenti giet mgharrfa fl-istess ittra li kellha dritt tappella mid-decizjoni fi zmien erbat ijiem tax-xoghol ai termini tar-Reg 82(4) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici tal-2005, u allura sas-6 ta` Awissu 2009 u li sa dakinhar kellu jithallas id-depozitu indikat fl-istess ittra. Ittra simili marret ghand il-*bidders* l-ohra ossija Market Intelligence Services Company Ltd u Outlook Management and Communications Cooperative Society Ltd.

Jirrizulta li s-socjeta` attrici, Market Intelligence Services Company Ltd u Outlook Management and Communications Cooperative Society Ltd ressqu l-oggezzjonijiet taghhom dwar din il-decizjoni. EMCS Consortium da parti taghha qajjemet in-nullita` ta` dawn l-oggezzjonijiet permezz ta` ittra mibghuta fis-7 ta` Awissu 2009 (fol 16 u 17). Tali nullita` giet imqajjma abbazi ta` allegazzjoni li t-terminu tal-appell ghal dawn il-*bidders* kien jibda mill-ewwel decizjoni tal-25 ta` Frar 2009 u mhux mit-tieni decizjoni datata 31 ta` Lulju 2009 u ghaldaqstant ldarba dawn ma appellawx mill-ewwel decizjoni, huma kienu gew skwalifikati.

B`decizjoni tal-14 ta` Ottubru 2009 (fol 18-30), il-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici ddikjara l-appelli rispettivi tas-socjeta` rikorrenti u ta` Market Intelligence Services Company Ltd u Outlook Management and Communications Cooperative Society Ltd bhala inammissibbli peress li kien pprezentati *fuori termine*. Fl-istess decizjoni, il-Bord irrakkomanda lid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jistharreg jekk l-appell originali tad-9 ta` Marzu 2009 intavolat minn EMCS Consortium kienx validu jew le peress li dan kien tressaq aktar tard minn erbat ijiem tax-xoghol [Reg 82(4) ta` A.L. 177/2005]. Id-Direttur tal-Kuntratti u l-Kumitat Generali tal-Kuntratti kkonkludew li l-appell ta` EMCS Consortium kien validu peress li t-terminu ta` l-appell kontra l-kancellament kien dak ta` ghaxart ijiem mhux ta` erbat ijiem tax-xoghol.

Is-socjeta` rikorrenti mexxiet bil-kawza tal-lum skont Reg 84(19) tal-Avviz Legali 177/2005 hekk kif emendat.

Intant il-process tas-sejha tkompla abbazi ta` dak li gie deciz mill-Bord u eventwalment l-offerta kienet moghtija lil EMCS Consortium li ffirmaw il-kuntratt tas-servizz relattiv fis-16 ta` Frar 2010. Fil-mori ta` din il-kawza, il-kuntratt ta` servizz gie kompletat u mitmum.

## IV. L-eccezzjonijiet

**Il-Qorti sejra tqis dawk l-eccezzjonijiet li ghadhom ma gewx trattati u decizi, u li jirrigwardaw l-ewwel u t-tielet talbiet attrici.**

### L-eccezzjonijiet preliminari

**Se tibda billi tqis l-eccezzjonijiet preliminari.**

### i) L-ewwel eccezzjoni
**EMCS Consortium**
**Risposta guramentata tal-11 ta` Jannar 2010**

**Il-Qorti sejra tichad l-eccezzjoni**.

Dan ser taghmlu peress li fil-mori ta` l-kawza, gie pprezentat il-mandat bil-miktub li bih l-Av. Dr. Norval Desira kien awtorizzat jidher u jirrapprezenta lis-socjeta` rikorrenti fil-kawza tal-lum.

Mill-istess dokument ezebit a fol 868, jirrizultaw ukoll dettalji tas-socjeta` rikorrenti.

Ghalhekk l-eccezzjoni ma tistax tregi.

### ii) It-tieni eccezzjoni
**EMCS Consortium**
**Risposta guramentata tal-11 ta` Jannar 2010**

**<u>L-ewwel eccezzjoni</u>**
**<u>EMCS Consortium</u>**
**<u>2 ta` Marzu 2016</u>**

Ma tressqux provi li jaghtu sostenn lill-eccezzjonijiet.

Mill-banda l-ohra, irrizulta *inter alia* illi fid-decizjoni tal-PCAB a fol 117 et seq, u anke fid-decizjoni tal-PCAB a fol 55 et seq, illi saret riferenza ghall-konsorzju bhala : "Economic and Management Consultancy Services Ltd (EMCS) Consortium".

Din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-konsorzju eccipjenti dejjem ippartecipa bis-shih fil-proceduri u ma kien bl-ebda mod ippregudikat bil-fatt li allegatament l-isem indikat fir-rikors guramentat ma kienx dak korrett.

Jidher ukoll illi d-differenza riskontrata qeghda fis-sens illi l-isem indikat fir-rikors guramentat huwa imnizzel *in full* u mbaghad go forma abbrevjata, mentri l-isem indikat mill-konsorzju eccipjenti huwa biss imnizzel bil-mod abbrevjat.

Din il-Qorti mhijiex tara nullita` kif prevista mill-Kap 12.

**Ghalhekk iz-zewg eccezzjonijiet qeghdin ikunu respinti.**

**iii) <u>L-ewwel eccezzjoni</u>**
**<u>Direttur Generali tal-Kuntratti</u>**
**<u>Risposta guramentata tat-28 ta` Dicembru 2015</u>**

L-eccezzjoni taqra hekk :-

*Illi fl-ewwel lok, it-tieni talba kif korretta hija inkompatibbli u tikkontradixxi t-tielet, ir-raba` u l-hames talba kif migjuba fir-rikors mahluf taghha. Tassew il-kumpannija rikorrenti ma tistax tippretendi li jigi milqugh l-appell taghha mressaq quddiem il-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici meta fl-istess hin hija qed titlob li –sejha pubblika kellha tigi*

*kkancellata u ma tibqax aktar ipprocessata. L-inkompatibilita` bejn it-talbiet ghandha ggib maghha c-cahda ta` l-azzjoni.*

Is-socjeta` rikorrenti qeghda titlob :-

* Dikjarazzjoni li l-appell taghha tas-6 ta` Awissu 2009 ghad-decizjoni komunikata mid-Direttur Generali tal-Kuntratti fil-31 ta` Lulju 2009 kien validu u ammissibbli.

* Revoka tad-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici fl-14 ta` Ottubru 2009.

* Dikjarazzjoni li l-appell taghha tas-6 ta` Awissu 2009 kien wiehed fondat fil-fatt u fid-dritt u kien jimmerita li jigi milqugh.

* Dikjarazzjoni li l-appellipprezentat mis-socjeta` EMCS Consortium ghad-decizjoni komunikata mid-Direttur Generali tal-Kuntratti fil-25 ta` Frar 2009 u d-decizjoni ta` dan l-appell moghtija fit-28 ta` April 2009 mill-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici huma nulli u bla effett fil-ligi.

**Hekk kif dedotta, din l-eccezzjoni trid tigi analizzata sa fejn tincidi fuq il-kompatibbilita` ta` l-ewwel talba mat-tielet talba, u vice versa.**

**a) <u>Gurisprudenza</u>**

**Dwar eccezzjoni ta` din ix-xorta, tezisti gurisprudenza varja li tallaccja l-eccezzjoni ta` kontradittorjeta` u konflitt bejn talbiet attrici ma` l-eccezzjoni ta` nullita`, peress li fil-kazi <u>estremi</u>, il-konflitt u l-kontradittorjeta` fit-talbiet jwassal ghan-nullita` ta` l-azzjoni.**

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/LSO</u>**) tal-25 ta` Frar 2016 fil-kawza "**<u>Theresa Chetcuti et vs Maria Carmela Warrington et</u>**" inghad hekk :-

*Illi fejn ikun hemm eccezzjonijiet ta` nullita` bhal dawk li gew sollevati fil-kawza odjerna, wiehed ghandu jezamina jekk verament dawn l-eccezzjonijiet fis-sustanza taghhom iwasslux ghan-nullita` o meno. Fil-fatt, l-*

*emendi li saru fil-Kodici ta` Organizzazjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV tas-sena 1995 kienu intizi, inter alia, proprju sabiex jigu evitati dawn it-tip ta` eccezzjonijiet. Tali eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju hija proponibbli biss jekk jikkonkorru r-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 789 tal-Kap 12 u l-Qorti tifhem li r-rikorrenti qed jinvoka l-Artikolu 789(1) (c).*

*Fil-fatt l-artikolu 789(1) tal-Kap 12 jitkellem car dwar meta att gudizzjarju jista` jigi dikjarat null ….*

*Tifsira tajba ta` din id-disposizzjoni, flimkien ma` l-isfond li fih il-legislatur wera li ried iqeghda, hija moghtija f`sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **<u>"Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino;"</u>** (28.1.1998 – Kollez. Vol:LXXXII.ii.30)"*

*L-eccezzjoni ta` nullita` ta` att, taht il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta` dan l-artikolu, ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullita`."*

*Illi l-erba` (4) cirkostanzi msemmija f`dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa` taht il-parametri ta` xi wahda minnhom.*

*Ir-rikorrenti ssottomettew li qed jibbazaw l-eccezzjoni taghhom fil-parametri tas-subinciz (d) citat hawn fuq u ghalhekk japplika l-proviso ghall-artikolu 789(1).*

*Illi bil-proviso citat il-legislatur jaghmel referenza ghall-artikolu 175 tal-Kap 12.*

*L-artikolu 175 (1) tal-Kap 12 jaqra …*

*Hu pacifiku li din id-dispozizzjoni tal-ligi (anke kif kienet qabel l-emendi tal-1995 u tal-2005) inghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. Hekk fis-sentenza "**<u>Moore noe vs Falzon et</u>**" P.A. 15 ta` Dicembru 1995) kien deciz li –`ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir iccitazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b`mod li l-kawzali tista` tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista` tkun anki dedotta mid-domanda (Kollezz. XXIV.II.502, XXIX.I.431 u XXXII.I.228)". Ara wkoll **<u>Mario Mizzi noe et vs Mario Grech noe et</u>** PA – 3 ta` Ottubru 2003) fejn din il-gurisprudenza tinsab ukoll iccitata.*

*Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell fil-kawza **<u>"Bonnici vs Zammit noe"</u>** deciza fl-20 ta` Jannar 1986 fejn it-tifsira ta` l-Artikolu 156(1) kienet spjegata hekk- "Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa ficcitazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parti ta` l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta` l-Artikolu 155(1) (illum 156(1) tal-Kap 12) u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti, biex citazzjoni tigi mwaqqfa irid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b`mod li l-konvneut ikun jista` jigi ppregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata."*

*Fil-kaz "**<u>Capua Palace Ltd. Vs Arcidiacono Boris</u>**" deciza fil-31 ta` Jannar 2003, gie ritenut li:*

*"Fejn hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-permessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b`cirkospezzjoni eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju. Biex att ta` citazzjoni jghaddi mill-prova talvalidita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b`mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta` min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta` hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur";*

*"Hu necessarju li jkun jirrizulta rapport ta` konnessjoni ragjonevolment identifikabbli bejn il-premessi migjubin bhala l-kawza tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut". Hekk kif gie ritenut fil-kaz (**<u>"K.B.Real Estate Ltd. vs Silvio Felice"</u>**), P.A deciz fit-13 ta` Marzu 2003:*

*".....fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b`cirkospezzjoni eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju. Biex att ta` citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun mfassla b`mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta` min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta` hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur.....".*

*F`dan l-istess kaz, kompla jinghad hekk: ......"jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura lprocedura tkun tista` tigi salvata basta dan ma jaffetwax issutanza tal-azzjoni jew l-eccezzjonijiet......."*

*U fil-kaz (**<u>"Angelo Fenech et vs Pawlu Grech et"</u>** – P.A. – 24 ta` Settembru 2001) intqal: "Biex att ta` citazzjoni jghaddi mill-prova tal-*

*validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b`mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta` min harrikha."*

*"Illi huwa wkoll mizmum bhala principju generali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu misluta mit-termini talatt li bih ikunu nbdew il-proceduri. B`dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura l-procedura tkun tista` tigi salvata basta dan ma jaffetwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezzjonijiet." (Ara wkoll **<u>"Falzon vs Spiteri et"</u>** P.A. deciza fl-24 ta` Gunju 1961 (Kollez. Vol: XLVIII.ii).*

*Illi kif gie dikjarat mill-Qorti tal-Kummerc fil-kaz (**<u>Joseph Cachia nomine vs Paul Zammit et nomine"</u>** deciz fl-14 ta` Dicembru 1989:"Illi biex citazzjoni tkun nulla, skont l-artikolu 789 tal-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili, in-nullita` trid tkun iddikjarata mil-ligi espressament jew ikun hemm vjolazzjoni tal-provi mehtiega mil-ligi, nuqqas ta` xi partikolarita` essenzjali mehtiega mil-ligi spressament."*

*Hekk f`dan l-istess kaz, inghad li "jekk ikun hemm talbiet irrikonciljabbli, perezempju talba ghal azzjoni ta` spoll abbinata fl-istess kaz ma azzjoni rei vindicatoria, fejn hu ben saput li fl-azzjoni ta` spoll huma inamissibli provi fil-petitorju, hemm sitwazzjoni ta` talbiet irrikonciljabbli."*

*Il-kwistjoni sollevata mill-atturi fil-kaz in ezami tikkoncerna t-talbiet kunfliggjenti u rrikonciljabbli fit-talba rikonvenzjonali. …….Illi fit-tema ta` talbiet diversi gie ritenut li mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-24 ta` April 1998 fl-ismijiet "**<u>Frendo Randon noe vs Salomone:</u>***

*"… meta citazzjoni jkun fiha kawzali alternattivi u mhux cert liema wahda minnhom hija l-kawzali li sejra tifforma l-bazi ta` l-azzjoni odjerna dan igib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista` jammetti t-talba ghax ma jkunx jista` jaghzel il-kawzali li jidhirlu hu. Lanqas mhu l-kompitu talQorti li taghzel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur. Dan juri car li l-kawza kif giet intavolata hija insostenibbli billi ab initio la setghet tipprocedi u lanqas setghet tigi ammessa. It-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni ma` ohra. Bhal li kieku dawn iwasslu ghal rimedju wiehed meta dan hux hekk ghaliex it-tnejn huma distinti wahda mill-ohra. Isegwi ghalhekk li mhux lecitu li tghaqqad azzjoni ma` ohra ... Meta l-pozizzjoni hija tali jirrizulta kjarament illi l-procedura tal-attur kienet wahda irrita u nulla."*

*Illi fil-kaz in ezami, mill-mod kif inhi redatta l-Kontro-Talba, jidher li t-talbiet kif proposti huma konfliggenti u, sahansitra, jista` anke jigi ritenut li talba bbazata fuq obbligazzjoni fiducjarja jew constructive notice tinnewtralizza t-talba ibbazata fuq l-preskrizzjoni akkwizittiva. Inoltre dan*

*hu in vjolazzjoni tal-principju kardinali electam una via non datum recursus ad alter am ghaliex huwa bbazat fuq zewg azzjonijiet separati u distinti minn xulxin li qed jigu proposti f` kawza wahda u cioe` kawza ibbazata fuq preskrizzjoni akkwizittiva u kawza ibbazata fuq jeddijiet naxxenti minn relazzjoni fiducjarja.*

*Illi bhala principju hu maghruf li domandi jistghu jigu kumulati biex jigu evitati gudizzji izjed milli hemm bzonn, pero` dejjem kompatibbilment mal-ezigenzi tal-kaz u meta dana lkumulu ma jfissirx trattazzjoni differenti ghaliex ikun hemm diga l-konnessjoni bejn ir-rapporti intercedenti bejn il-partijiet. Dawn iz-zewg azzjonijiet, minnkejja dak suggerit fit-trattazzjoni, jinvolvu ezami u provi distinti ghalkemm irrizultat pretiz, t-titlu tal-proprjeta` ikkontestata, hija wahda.*

*Illi izda din il-Qorti hija wkoll konxja tal-linja traccjata fil-gurisprudenza taghna fejn ir-rigorozita formali giet temperata tul is-snin sabiex "issir gustizzja sostanzjali fil-mertu tal-kaz". (**<u>"Michael Attard nomine vs Raymond Galea</u>** - Q.A. - deciza fit-12 ta` Mejju 1998) u "kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorozita procedurali u l-formalizmu esagerat narament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza."(**<u>"Aquilina vs Cassar"</u>** – Vol.LXXVI.iv.666). (Ara wkoll **<u>"James Demanuele vs Elena Maria Felice"</u>** P.A. deciza fit-30 ta` April 2002 u l-gurisprudenza hemm traccjata).*

*Illi ma tistax tiskarta l-fatt li d-difensur tal-intimat ghamel kjarifika fit-trattazzjoni li ttaffi inkompatibbilita` taz-zewg binarji li fuqhom sejjes il-kontro-talba tal-intimati. Din l-ispjegazzjoni hija krucjali ghall-apprezzament li qed taghmel din il-Qorti tal-eccezzjoni sollevata. Fid-dawl ta` din il-kjarifika din il-Qorti, b`accenn lejn il-htiega ta` gustizzja sostantiva, hija disposta li tikkonsidra "…li l-ilment tal-imharrkin ma jaqax fil-parametri ta` nuqqas procedurali, imma wiehed sostantiv. Dan jinghad ghaliex il-kontestazzjoni dwar il-kontradittorjeta` tat-talbiet ma tintrabatx mas-sura tal-att gudizzjarju….."*

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Novembru 2015 fil-kawza "**<u>Paul Bonello et kontra Ramel u Zrar Limited et</u>**" din il-Qorti qalet :-

*Dwar in-nullita' tac-citazzjoni, hemm gurisprudenza kopjuza.*

Fis-sentenza li tat fil-21 ta` Marzu 1988 fil-kawza "**Francis Xavier sive Mose` Aquilina vs Carmela sive` Lina Aquilina**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"... illi l-allegata nullita` tac-citazzjoni qed tigi invokata fit-termini ta` lartikolu 789(1) tal-Kap 12 li inter alia jipprovdi li l-eccezzjoni ta` nullita` ta` l-atti gudizzjarji tista` tinghata 1) jekk in-nullita` hija ddikjarata mil-ligi espressament 2) jekk l-att ikun mahrug minn Qorti nkompetenti ; 3) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi wkoll jekk mhux taht piena ta` nullita` u dan biss f`kaz ta` pregudizzju ; 4) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali mehtiega mil-ligi espressament ... kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta` April 1978 in re 'Teresa Vella vs Salvatore Conti' (App. Kumm.) biex tigi ddikjarata nulla citazzjoni u jitwaqqaf il-kors taghha, jinhtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta` evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut ;*

*Din il-Qorti inoltre tul is-snin f`diversi sentenzi taghha applikat dan il-principju b`mod li fejn jew ikun jonqos il-pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut jew in-nuqqas fic-citazzjoni kienet taghmel tajjeb xi haga ohra ghalih, ma annullatx ic-citazzjoni (ara 'Savona vs Asphar' deciza minn din il-qorti fit-23 ta` April 1945 u dik riportata fil-Vol XXXIV tal-Kollezzjoni a fol 313 ta` l-Ewwel Parti). Minbarra minn hekk gie diversi drab deciz u llum hu ormai pacifiku li nonostante l-fatt li citazzjoni jkollha xi haga mhux cara bizzejjed go fiha li pero` hi ccarata fid-dikjarazzjoni ta` l-attur dan hu bizzejjed biex isalva c-citazzjoni (ara 'Bonello vs Azzopardi', Vol XXXIX.II.556 'Gerada vs Cassar', XXXIV.II.501 ; 'Muscat vs Borg et', XXXIX.II.575 u Demarco vs Fiteni XLI.II.1035)."*

*Din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fil-kawza deciza fit-30 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet "**Manuel Schembri vs France Cutajar**" spjegat -*

*"Illi certament li huwa principju stabilit illi it-tifsir car u sewwa tal-oggett tal-kawza u tat-talbiet skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 156 tal-Kap 12** ghandhom jirrizultaw mill-istess att tac-citazzjoni innifsu u mhux minn 'xi kjarifika li tista' issir dwarhom matul it-trattazzjoni' **("Raymond Bezzina vs Anthony Galea"** - A. C. 30 ta' Marzu 1998) ...*

*Illi gie ritenut illi sabiex azzjoni tigi dikjarata rritwali ghandu jigi determinat li hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defugenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu, u ghal dan l-ezami iccitazzjoni attrici ghandha tigi ezaminata fit-totalita' taghha" **('Carmelo Bonnici vs Eucharist Zammit noe'** - A.C. 20 ta' Jannar 1986).*

*Illi dan l-ezercizzju ghandu wkoll jigi ezaminat fid-dawl tal-massima ormai llum addottata mill-Qrati taghna illi 'il-formalizmu ezegerat ukoll ilu hafna li gie mnaqqas u limitat li bir-ragun, il-ligi qed tkun aktar u aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet tal-forom li jnutruh'* ***('Charles Fino vs Alfred Fabri noe'*** *- A.C. 28 ta' Frar 1997 ;* ***'Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et'*** *- P.A. (R.C.P.) 28 ta' Ottubru 1998 ;* ***'Sav. Falzon vs Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar'*** *- A.C. 31 ta' Mejju 1996).*

*Illi f'dan il-kuntest huwa sintomatiku li a bazi ta' dak li ntqal fis-sentenza* ***'Michael Attard nomine vs Raymond Galea'*** *(A.C. 12 ta' Mejju 1998) dwar kawzali distinti minn xulxin, u applikati dawn il-principji ghall-kaz de quo, l-attur m'ghandux l-ewwel fil-premessi jitkellem dwar titolu u pussess, u mbaghad fit-talbiet jghaqqad kollox flimkien, b'mod li f'din l-azzjoni sar kollox neboluz jekk l-azzjoni hija ibbazata fuq titolu jew biss fuq pussess jew detenzjoni.*

*Illi tali konfuzjoni ma ghandhiex issir ghaliex dan ma huwiex tollerat skond l-****artikolu 156 (1) tal-Kap 12,*** *billi dan la jkun gust mal-kontro-parti li trid tkun f'qaghda li tiddefendi ruhha, u di piu' tpoggi lillgudikant f'sitwazzjoni ta' ncertezza dwar l-indoli veru tal-procedura li jrid jiddeciedi dwara. Dan huwa konfermat bis-sentenza* ***'Joseph Tabone vs Joseph Flavia'*** *(A.C. 7 ta' Marzu 1958 - XLII.i.86) fejn inghad li huwa dejjem necessarju li ic-citazzjoni ghandu jkollha tifsira cara tal-oggett u r-raguni tat-talba u "dan huwa dejjem necessarju biex il-konvenut ikun jaf minnufih u b'certezza dak li ghandu jiddefendi ruhhu minnu ...".*

*Illi pero' kontra dan kollu xorta wahda jipprevali l-principju li l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati entro id-dettami tal-ligi peress li r-rigorozitajiet procedurali ma humiex ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk m'ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza u dan iktar u iktar meta illum fl-att tac-citazzjoni hemm dejjem il-formola ritwali – 'premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija lprovedimenti opportuni' - proprju sabiex jaghmlu tajjeb ghal kwalunkwe' esigenza ta' forma li tkun necessarja biex l-att ikun komplit b'kull talba ghal kwalunkwe dikjarazzjoni".* ***('Mary Cosaitis vs Mario Muscat'*** *- A.K. 27 ta' Novembru 1990).*

*Madanakollu, huwa sottomess li minkejja li huwa minnu li eccezzjoni ta' nullita' ghandha tigi nterpretata ristrettivament, dan ma jfissirx li ma hemmx cirkustanzi fejn citazzjoni tista' tigi dikjarata nulla. Fejn jidher car li c-citazzjoni hija kuntradittorja, in-nullita' ghandha tigi dikjarata minghajr ezitazzjoni. Dan gie ritenut minn gurisdizzjoni kostanti. Per ezempju, il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tat-28 ta' April 1978 fl-ismijiet 'Teresa Vella vs Salvatore Conti' irriteniet li biex citazzjoni tigi ddikjarata nulla u jitwaqqaf*

*il-kors taghha, jinhtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet validi, bhal per ezempju nuqqasijiet evidenti ta' pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut. L-istess ntqal fid-decizjoni moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Frar 1997 fl-ismijiet 'Alfred u Mary konjugi Vella vs Agostino Camilleri' :*

*"In-nullita` ta` l-atti gudizzjali hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta` citazzjoni ghandu jkun imwaqqa` u annullat biss ghal ragunijiet gravi."*

*Decizjoni rilevanti ghall-kawza tal-lum hija s-sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta` Jannar 1995 fil-kawza "**Salvatore Aquilina et vs Joseph Oliver Ruggier noe**".*

*Bhal ma gara fil-kaz tal-lum, il-konvenut f`dik il-kawza eccepixxa n-nullita` tac-citazzjoni fuq il-premessa illi t-talbiet u l-premessi kienu konfuzi u konfliggenti. L-eccezzjoni saret abbazi tal-fatt li fl-ewwel tliet domandi, l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat jersaq ghall-pubblikazzjoni ta' l-att finali ghat-trasferiment ta' l-art in kwistjoni, mentri fl-ahhar tlett talbiet intlabet dikjarazzjoni ta` responsabilta`, likwidazzjoni ta` danni, u kundanna ghall-hlas ta` danni minhabba inadempjenza da parti tal-konvenut li joqghod ghall-obbligi assunti skond il-konvenju. Il-konvenut wiegeb illi kif impostati d-domandi attrici ma setghux iregu flimkien billi d-domandi kienu konfliggenti u joholqu konfuzjoni legali ; kwindi kienu proceduralment insostenibbli.*

*Il-Qorti laqghet l-eccezzjoni tan-nullita' u qalet hekk :-*

*" ... L-atturi ma setghux u ma jistghux jippromuovu z-zewg talbiet u z-zewg azzjonjiet f' daqqa wahda, ghaliex, kif imposti minnhom, azzjoni wahda teskludi lill-ohra. L-atturi kellhom jaghzlu. Jekk il-kuntratt ghadu fattibbli allura messhom ghall-ewwel qaghdu fuq l-ewwel talbiet u jekk mhuwiex setghu jaghzlu l-azzjoni tad-danni.*

*Illi kif gie anke ritenut f' sentenzi ta' dawn il-Qrati jekk ara d-decizjoni 'Emanuel Scicluna vs Av. Dr. S Camilleri noe' deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Jannar 1959 (Vol XLIII-I-55) l-attur li jaghzel wahda mill-azzjonijiet li lilu huma akkordati, necessarjament irrinunzja ghall-ohrajn, u mhux permess li min ikun irrinunzja ghall-azzjonijiet tieghu li jerga' lura fuq il-passi tieghu stess.*

Ta` l-istess portata kienet id-decizjoni ta` din il-Qorti **(PA/LSO)** tas-26 ta` Novembru 2015 fil-kawza fl-ismijiet "**Nicholas sive Colin Mercieca et vs Grace Vella"** fejn intqal :

*Illi l-azzjoni hija improponibbli peress li r-rikors sar in vjolazzjoni tal-principju electam una via non datum recursus ad alteram ghaliex hu bbazat fuq zewg azzjonijiet separati u distinti, u cjoe` kawza ai termini tal-Artikolu 626(1) u wkoll ai termini tal-Artikolu 627 tal-Kap 16. Izda l-kwistjoni li ghandha quddiemha l-Qorti b`din l-eccezzjoni hija jekk dan jirrisulta u, f`kaz affermattiv, jekk dan ghandux iwassal ghan-nullita` ta` l-azzjoni odjerna.*

*Illi fejn ikun hemm eccezzjonijiet ta` nullita` bhal dawk li gew sollevati fil-kawza odjerna, wiehed ghandu jezamina jekk verament dawn l-eccezzjonijiet fis-sustanza taghhom iwasslux ghan-nullita` o meno..... Illi apparti li llum jigu accettati diversi tipi ta` korrezzjonijiet fl-atti, huwa fatt ben risaput illi l-att promotorju preferibbilment ghandu jissalva u m`ghandux jitwaqqa` hlief ghal ragunijiet gravi. .....Il-prassi segwita mill-Qrati Taghna, anke a bazi ta` l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluz l-Artikolu 175 tal-Kap 12 hija li `formalizmu esagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta` diversi forom li jnutruh." ("**Fino vs Fabri noe**" – Qorti talAppell – 28 ta` Frar 1997) u konsegwentement l-atti ghandhom jigu salvati anziche annullati jew dikjarati nulli. ("**Ellul vs Coleiro**"- Qorti tal-Appell – 24 ta` Jannar 1994).*

*Fil-kaz "**The Margarine Import Company Ltd. Vs Kontrollur tad-Dwana"**, P.A. deciza fit-3 ta` Ottubru 2003, inghad, li skont l-insenjament tal-Laurent (Principii di diritto Civile, Vol.1 par 43) "in nullita: e` un mezzo estremo cui il legislatore non ricorra che in caso di necessita`."*

Decizjoni ohra relevanti hija dik li tat din il-Qorti (**PA/JPG**) fl-20 ta` Frar 2015 fil-kawza fl-ismijiet "**Christopher Puglisevich et vs David Gauci et"** fejn il-konvenut David Gauci ta l-eccezzjoni ta` nullita` tar-rikors guramentat ai termini ta` l-Artikolu 789(1)(d) tal-Kap 12, in vista tal-ksur tal-principju *electam una via non datum recursus ad alteram.* Il-Qorti qalet :-

> *"Din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-eccezzjoni tan-nullita` au termini tal-Artikolu 789 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan l-Artikolu jippreciza erba` (4) cirkostanzi li jimportaw il-piena harxa tan-nullita`. Il-Qorti taghraf illi l-erba` (4) istanzi huma tassattivi, u dana fis-sens illi biex dik l-eccezzjoni ta` nullita` ta` att*

*gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa` taht il-parametri ta` xi wahda mill-imsemmija cirkostanzi.*

*Illi l-konvenut Gauci, qanqal l-eccezzjoni ta` nullita` ukoll in vista tal-fatt illi l-atturi ressqu f`kawza wahda zewg (2) azzjonijiet ta` natura guridika ghal kollox diversa wahda mill-ohra: u cioe` azzjoni in linea ta` danni fil-konfront tal-konvenuti Micallef; u azzjoni ghal rifuzjoni fil-konfront tal-konvenut Gauci.*
*Il-Qorti taghmel referenza ghal insenjament moghti fis-sentenza* ***Angelo u Anna konjugi Fenech vs Pawlu u Rita konjugi Grech****, deciza fl-24 ta` Settembru 2001, per Onorabbli Imhallef Joseph R. Micallef, fejn gew elenkati l-elementi li ghandhom jissussistu fir-rikors guramentat, hekk skond l-Artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, liema elementi, jekk in ezistenza, inaqqsu l-possibilita` illi jippregudikaw il-validita` ta` l-istess, f`kawza fejn jitressqu zewg azzjonijiet separati, dik il-Qorti irriteniet :*

*"Illi issa xieraq li wiehed jara jekk tinholoqx nullita` fejn zewg talbiet guridikament distinti jitressqu f`kawza wahda u sa liema limitu jista` jsir dan bla ma jkun qieghed jinkiser dak li tipprovdi l-ligi fl-artikolu 156(1)(a) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili. Mill-kliem innifsu tal-imsemmi artikolu, johrog illi (i) l-attur ghandu jidentifika l-oggett tal-kawza billi jiddikjara r-raguni ghala jkun qieghed jitlob dak l-oggett; (ii) dak l-oggett u dik ir-raguni jridu kunu mfissrin car u sewwa; (iii) t-talba jew it-talbiet ikunu marbutin mar-raguni(jiet) kif premessi fl-att tac-citazzjoni; u (iv) li dawn l-elementi ghandhom jirrizultaw mill-att gudizzjarju nnifsu u mhux minn xi kjarifika li tista` ssir dwarhom waqt is-smigh tal-kawza."*

*Din il-Qorti b`referenza ukoll ghall-import tal-Artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, taghmel accenn ghal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet* ***K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice Limited****, deciza fit-13 ta` Marzu 2003, mill-per Onorabbli Imhallef Joseph R. Micallef:*

*"Illi l-ligi, tippreskrivi, fost l-ohrajn, li c-citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi ghat-talbiet ghandhom iwasslu lil min qieghed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma` dan ir-rekwizit, hemm il-principju li l-parti mharrka trid tinghata l-fakolta` li tkun tista` tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta` min iharrikha."*

*Dan in-nuqqas irid ikun wiehed ta` certu gravita`. Infatti fis-sentenza fuq citata **<u>Angelo u Anna konjugi Fenech vs Pawlu u Rita konjugi Grech,</u>** b`referenza ghan-nexus bejn il-premessi u t-talbiet tar-rikors guramentat, gie ritenut:*
*"Illi ghalhekk, citazzjoni m`ghandhiex tigi mwaqqgha ghajr ghal ragunijiet gravi. Madanakollu, biex citazzjoni jista` jinghad li ghandha kawzali cara bizzejjed jehtieg li jirrisulta rapport ta` rabta ragonevoli bejn il-premessi u t-talba nnifisha mmirata lejn il-persuna mharrka. Jekk in-nuqqas ta` kjarezza jkun ta` ghamla u kwalita` tali li jcahhad b`mod serju lill-imharrek mid-difiza tieghu, ic-citazzjoni ghandha tigi mwaqqgha." Vide ukoll **<u>E. Scicluna vs M. Xuereb et</u>** (Kollez. Vol: LI.i.299)*

*.....Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament moghti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Dr Rene Frendo Randon noe vs Albert Walter Salomone noe et</u>**, deciza fl-24 ta` April 1998, mill-Qorti ta` l-Appell :*

*"...m`hemm ebda dubbju li fl-att tac-citazzjoni, indipendentement mill-mertu propju in kawza, jidher evidenti li kemm fil-kawzali kif ukoll fid-domandi l-attur appellant hallat zewg azzjonijiet ma` xulxin meta dan proceduralment ma setax jaghmlu. Mhuwiex eskluz li blinkluzjoni ta` numru ta` kawzali u premessi fl-att tac-citazzjoni, ankorke` dawn jistghu jwasslu ghal aktar minn azzjoni wahda, b`dan il-att ma jwassalx bilfors ghan-nullita` tac-citazzjoni. Imma meta tali ambivalenza timmanifesta ruhha ukoll fit-talbiet, allura l-kaz huwa diferenti sew."*

*L-Qorti ta` l-Appell, kompliet tghid:*

*"Fil-fatt, fil-kaz in ezami hemm izjed minn hekk ghaliex it-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni ma` ohra bhallikieku dawn iwasslu ghal rimedju wiehed, meta dan mhux hekk ghaliex it-tnejn huma distinti lwahda mill-ohra".....''Isegwi ghalhekk li mhux lecitu li tghaqqad jew tikkonfondi azzjoni ma` ohra"..."Meta l-posizzjoni hija tali, jirrizulta kjarament li l-procedura ta` l-attur kienet wahda, rrita u nulla." Vide ukoll fl-ismijiet **<u>HSBC Bank Malta p.l.c. vs Rita Caligari u Emanuel Degiorgio,</u>** deciza fit-13 ta` Frar 2012.*

*Il-Qorti rat u ezaminat il-konkluzjonjiet tal-Perit Legali dwar in-nullita` ta` citazzjoni odjerna u n-nota ta` sottomissjonijiet tal-attur tat-2 t`Awwissu 2013 u taghraf illi c-citazzjoni odjerna, minkejja n-nuqqasijiet taghha, hija mfassla b`mod li l-persuna mharrka cioe`*

*l-intimati jifhmu l-import ta` tali talba u li jkunu f`qadgha li jiddefendu ruhhom u dana ai termini talgurisprudenza citata* ***Lay Lay Company Limited vs Saliba Derek Paul et*** *deciza fl-1 ta` Frar 2010;* ***Bella Hili vs Michael Fenech et*** *deciza fit-13 ta` Frar 2006;* ***Carmelo Bonnici vs Eucharist Zammit noe*** *deciza fil-20 ta` Jannar 1986; u* ***Joseph Colerio vs Dr. Joseph Ellul*** *deciza fl-14 ta` Frar 1967."*

**b) Mertu tal-eccezzjoni**

Id-Direttur tal-Kuntratti jikkontendi li l-ewwel talba hija nkompatibbli mat-tielet talba.

Inghad illi bil-procedura pprezentata minn EMCS Consortium li wasslet ghad-decizjoni tal-PCAB tat-28 ta` April 2009, EMCS Consortium kienet qed tikkontesta d-decizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti li ma jikkancellax is-sejha ghall-offerti.

Kien konsegwenza ta` dik id-decizjoni tat-28 ta` April 2009 illi s-sejha ta` offerti ma gietx imhassra u tkompliet il-procedura li effettivament tat lok ghal proceduri ohra li kkulminaw fid-decizjoni tal-PCAB tal-14 ta` Ottubru 2009 li qed tigi kkontestata fl-ewwel u t-tieni talbiet attrici.

Bhala konsegwenza, fl-eccezzjoni taht ezami qed isir l-argument illi fil-kaz ta` ezitu pozittiv ghat-tielet talba, ikun ifisser li s-sejha ta` l-offerta kellha tigi mhassra u li ghalhekk l-appell maghmul mis-socjeta rikorrenti rigwardanti l-ewwel u t-tieni talba ma jibqax aktar sostenibbli ladarba s-sejha kellha tkun kancellata.

Fi kliem iehor, skont id-Direttur tal-Kuntratti, jekk it-tielet talba toqtol l-ewwel zewg talbiet tas-socjeta` rikorrenti, kellu jkun hemm ghazla bejn jew talba ghal dikjarazzjoni li l-appell ta` EMCS Consortium huwa nammissibbli u ghalhekk is-sejha kellha tigi kkancellata, jew talba illli l-appell ta` EMCS Consortium kien validu bl-aggunta li anke l-appell tas-socjeta` rikorrenti introdott minnha sussegwentement kien wiehed gustifikat.

**Din il-Qorti mhijiex tara li jezistu l-estremi ghal dikjarazzjoni ta` nullita` tal-procedura odjerna.**

Fl-ewwel lok, taghmel enfasi illi dikjarazzjoni ta` nullita` hija sanzjoni estrema u radikali, kif jirrizulta car u tond mill-gurisprudenza citata.

Fit-tieni lok, jigi rilevat li huwa minnu li *prima facie*, jidher illi l-ewwel u t-tielet talba attrici ma joqghodux flimkien ghaliex is-socjeta` rikorrenti ma tistax tghid li hija ma kellhiex tigi skwalifikata mill-girja ghall-kuntratt u fl-istess nifs tghid li l-process kollu tas-sejha ta` l-offerti kellu jigi kkancellat ghaliex l-appell ta` EMCS Consortium sar tard. Madanakollu, din il-Qorti ma ghandhiex quddiemha talba li jigu dikjarati nulli l-proceduri ta` evalwazzjoni li sehhew wara d-decizjoni moghtija fit-28 ta` April 2009. Kulma ghandha hija talba li l-appell li ghamlet l-EMCS Consortium ma kienx validu u li alura d-decizjoni tal-PCAB fit-28 ta` April 2009 kienet ukoll nulla. Ma hemmx talba li l-proceduri li gew wara d-decizjoni tat-28 ta` April 2009 kellhom jigu wkoll jigu mhassra u dikjarati nulli. Tant hu hekk li ma saret l-ebda talba biex is-sejha tal-offerta titqies kancellata. Lanqas ma saret talba li d-decizjoni li ntbaghtet lill-attrici fil-31 ta` Lulju 2009 kellha tigi dikjarata nulla. L-ewwel talba hija biss li l-appell tas-6 ta` Awissu 2009 kellu jigi dikjarat validu u ammissibbli.

Din il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz ta` ezitu favorevoli fir-rigward tat-tielet talba attrici, dan ma jfissirx li b`daqsekk din il-Qorti tista` tordna l-kancellament ta` proceduri li ma ntalbux li jigu hekk ikkancellati mill-partijiet. Jekk taghmel dan, il-Qorti tkun qed tmur oltre l-parametri tat-talbiet, u allura tkun qed tagixxi *ultra petita.*

Huwa pacifiku li Qorti trid timxi skont il-parametri tat-talbiet attrici u ma tistax tmur oltre.

Huwa ben risaput li Qorti hija marbuta mal-premessi u mat-talbiet li jkunu saru mill-attur.

Huwa wkoll principju sagrosant li l-gudikant civili ghandu fl-ghoti tas-sentenza jqoghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni ta` bejn il-partijiet.

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza "**Veronique Amato Gauci et vs Marco Zammit et**" fid-19 ta` Mejju 2004 inghad :-

*"Illi ghal dak illi jirrigwarda l-azzjonijiet civili, l-procedura tillimita hafna l-inizjattivi li l-Qorti tista tiehu minn rajha. Fost dawn, per ezempju, hemm il-gurisdizzjoni, fejn jekk jirrizultalha illi m`ghandhiex kompetenza jew gurisdizzjoni biex tisma` kawza, l-Qorti tista` "ex-officcio" tqajjem din il-kwistjoni peress illi hi ta` ordni pubbliku. L-istess fil-kaz ta` Mandat in Factum fejn il-Qorti tista` "ex-officcio" tezamina r-ragunijiet ghall-hrug ta` dan il-Mandat (ara **Xuereb vs Xuereb** Appell 27 ta` Marzu, 2003).....*

*1. "Huwa principju maghruf illi l-Imhallef civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f`kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b`mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrizolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, ammenokke non si tratta minn kwestjonijiet ta` ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat jirrileva "ex officio" – "**Joseph Gatt –vs- Joseph Galea"**, Appell Civili, 12 ta` Lulju 1965; **"Regina mart Francis Cacciottolo –vs- Francis Cacciottolo**", Appell Civili, 30 ta` Gunju 1976;*

*2. "Il-Qorti m`ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li m`hiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta` ordni pubbliku, altrimenti kwalunkwe kwestjoni legali tkun tista` tigi sollevata mill-Qorti, prattika din mhiex rakkomandabbli li tista` twassal ghal sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq l-eccezzjoni taghha stess" –**"Anthony Hammett noe –vs- Vincent Genovese pro et noe"**, Appell Kummercjali, 31 ta` Jannar 1991;*

*"Fis-sistema gudizzjarja taghna l-Qorti m`ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li m`hijiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn xi konsiderazzjoni serja ta` ordni pubbliku. Dana billi, bhala norma, il-gudikant ghandu jiddeciedi l-kawza billi joqghod fuq il-binarju tal-kontestazzjoni li jressqulu l-partijiet. Huwa r-rwol tad-difensur tal-parti u mhux tal-gudikant li jiskogita difizi u eccezzjonijiet dwar kwestjonijiet legali. Diversament il-Qorti tkun qeghda tesponi ruha ghal certi riskji ovvji meta tiddeciedi kawza fuq eccezzjoni li tissolleva hi stess, meta m`hijiex awtorizzata espressament li*

*taghmel hekk"* – ***"Edwin Grech –vs- Antida Saglimbene et",*** *Qorti tal-Kummerc, 9 ta` April 1992.*

(ara wkoll : "**Borg vs Halmann Limited**" : Appell Inferjuri : 20 ta` Ottubru 2003 ; "**Cattiattolo utrinque**" – Appell Civili – 30 ta` Gunju 1976 ; "**Galea et vs Calleja pro et**" – Appell Civili - 25 ta` Mejju 2001)

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tal-11 ta` Gunju 1996 fil-kawza "**John Grech vs Saviour Abela**" inghad hekk :-

> *"Jidher li l-Ewwel Qorti minghjar ma kien hemm eccezzjoni ad hoc u minghajr ma giet mitluba, iddecidiet fuq il-validita` o meno ta` l-iskrittura Dok P1. Fuq dan jizdied biss illi l-istess konvenut meta kkontesta l-kawza fil-prim` istanza ma semma xejn dwar kemm kien jikkunsidra valida jew mhux valida l-iskrittura Dok P1 li biha intrabat kif hemm fiha, izda kkontesta biss l-ammont ta` l-appogg. Fil-fehma ta` din il-Qorti, ghalhekk, l-ewwel Qorti ma kellhiex dritt li minghajr ma l-partijiet jikkontestaw il-validita` ta` l-iskrittura msemmija, tiddeciedi li hi invalida fil-ligi u wisq anqas kellha d-dritt illi tiddeciedi li kienet invalida minhabba vizzju tal-kunsens da parti tal-konvenut, li kif inghad hu stess ma kkontestahiex, gal dik li hi validita`.....Jidher ukoll li l-Ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet dwar il-kostruzzjoni jew l-istat ta` kostruzzjoni hazin tal-hajt li effettivament gie mwaqqa` mill-konvenut u danni li seta` sofra l-konvenut – kif jidher mill-istess sentenza. Bir-rispett kollu, pero` din il-**Qorti ma tarax illi dan kien fit-termini tal-vertenza li kienet quddiem l-Ewwel Qorti u dak li gie kkunsidrat minnha kien effettivament kompletament extra petita** u ma kienx jifforma anqas parti mid-dibattitu li sar fil-prim` istanza. Din il-Qorti tifhem is-sens ta` gustizzja li ppruvat turi l-Ewwel Qorti fil-materja in disputa bejn il-partijiet, pero` wiehed irid joqghod ghal-limitazzjoni li timponi l-ligi procedurali li ma tippermettix illi jsir dak illi sar f` dan il-kaz."* (enfazi ta` din il-qorti)

L-istharrig li trid taghmel din il-Qorti huwa marbut mat-talbiet li sarulha mis-socjeta` rikorrenti, liema socjeta` fl-ebda hin ma talbet li s-sejha ghall-offerti partikolari tigi kkancellata u li l-proceduri li sehhew **wara** d-decizjoni tat-28 ta` April 2009 jigu wkoll ikkunsidrati bhala nulli.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Generali tal-Kuntratti kif dedotta fir-risposta guramentata tat-28 ta` Dicembru 2015.**

**iv) <u>L-ewwel eccezzjoni dwar l-ewwel talba</u>**
**<u>Malta Tourism Authority</u>**
**<u>Risposta guramentata tad-9 ta` Dicembru 2009</u>**

Qed ikun eccepit illi stante li din il-kawza giet intavolata ai termini tar-Reg 84(19) tar-Regolamenti tal-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici ghandu jigi applikat it-terminu stipulat fl-istess regolament u cioe` dak ta` ghaxart ijiem mid-data tad-decizjoni tal-Public Contracts Appeals Board (PCAB). Ghalhekk kien eccepiet li l-azzjoni attrici hija fuori termine stante li giet intavolata fl-14 ta` Ottubru 2009 : 12-il jum wara.

Minn qari ta` l-eccezzjoni, jidher li din tqajjmet in konnessjoni ma` l-ewwel talba attrici peress li fl-ahhar linja taghha, hemm imnizzel **<u>kjarament</u>** illi l-azzjoni hija fuori termine ghaliex giet intavolata 12-il jum mid-decizjoni li nghatat fl-14 ta` Ottubru 2009. Dan kollu inghad peress li din il-kawza gietipprezentata fis-26 ta` Ottubru 2009 u ghalhekk fi zmien 16-il jum minn wara li nghatat id-decizjoni appellata.

Mill-banda l-ohra, is-socjeta` attrici sostniet li hijaqaghdet mat-terminu stipolat fl-Art 84(19) tar-Regolamenti ta` l-2005 ghax il-kawza saret fi zmien ghaxart ijiem minn meta d-Direttur intimat ircieva d-decizjoni minghand il-Bord ta` l-Appelli.

Is-socjeta` attrici ghamlet referenza ghax-xiehdaa ta` Saviour Debono moghtija fid-19 ta` April 2010 fejn dan stqarr li d-decizjoni waslet ghand id-Direttur tal-Kuntratti fis-16 ta` Ottubru 2009 u ghalhekk kien wara dik id-data li s-socjeta` rikorrenti saret taf bis-sentenza u b` hekk setghet tkompli tipprocedi billi tipprezenta din il-procedura odjerna.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-24 ta` April 2015 fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Vassallo Concrete Services Limited vs Direttur tal-Kuntratti</u>**" li saret referenza ghaliha mill-Awtorita` eccipjenti. Hemm kienet sollevata eccezzjoni tal-irritwalita` u nullita` tal-azzjoni ghaliex ma kenitx ipprezentata fi zmien ghaxart ijiem

mid-decizjoni finali tal-Bord tal-Appell kif ighid r-Reg 84(19) u dan in vista tal-emenda li kienet giet introdotta bir-reg. 4 tal-Avviz Legali 233 tal-2009.

L-Ewwel Qorti laqghet l-ecceezzjoni tal-konvenut, fis-sens li l-azzjoni attrici giet ipprezentata fuori termine in vista tar-Reg 84(19) tal-Avviz Legali 233/09, u ddikjarat l-azzjoni rrita u nulla. Il-Qorti qalet :-

> *"L-artikolu 84(19) tal-Public Contract Regulations kif mibdul bl-Avviz Legali 233/09 ighid hekk:*
> *"Any bidder submitting a complaint and who shall not be satisfied with the final decision taken by the Appeals Board shall refer the matter to the First Hall of the Civil Court within a period of ten days from the final decision of the Appeals Board. Such recourse shall not however delay the Director of Contracts or the Head of a contracting authority from implementing the Appeals Board`s final decision."*
>
> *"Harsa lejn l-istess artikolu kif kien qabel gie mibdul cioe kif kien vigenti bl-emendi tal-Avviz Legali 177/2005 juri illi l-kliem "within a period of ten days from the final decision of the Appeals Board" ma kienx jezistu.*
>
> *"Hu car illi japplika bla dubbju l-Avviz Legali 233/2009 ghal finijiet tal-proceduri applikabbli ghal min, bhas-socjeta` attrici, riedet tavvali ruhha mill-fakolta li taderixxi lil Qorti ordinarja jekk hasset li ma kienitx sodisfatta bid-decizjoni talBord tal-Appelli (kliem tal-ligi stess).*
>
> *Din il-fakolta pero kienet marbuta ma terminu perentorju impost mill-ligi specjali stess sabiex il-persuna aggravata tirrikorri lejn il-Qorti ordinarja. Din il-Qorti tirriferi ghas-sentenza citata mid-difensur tal-konvenut in materja. Fil-kawzi* ***Giuseppe Caruana vs Charles sive Charlie Psaila,*** *Appell, 21 ta` Marzu 1997 li giet imhaddna fis-sentenzi ricensjuri* ***Earthcare Company Limited vs Kunsill Lokali Valletta,*** *Appell Inferjuri, 7 ta` Novembru 2008 u* ***Mirjana Kovecevic vs Myoka Management Ltd,*** *Appell Inferjuri, 12 ta` Frar 2010) intqal li l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili u f`ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qorti jew quddiem it-Tribunal huma ta` ordni pubbliku u ma jistghu bl-ebda mod jigu injorati u lanqas bilkunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula.*

*"Kif imbaghad intqal fis-sentenza* ***Salina Wharf Marketing Limited vs Malta Tourism Authority,*** *Appell mill-Bord ta` l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta` Dicembru 2007),*
*"In-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b`konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta` rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita` hi hekk necessarja ghalraguni ta` certezza u, ukoll, ta` uniformita".*

*"Mill-provi fl-atti jidher li d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli inghatat fit-18 ta` Novembru 2010 (ara Dok. VCS3) u l-kawza infethet fil-21 ta` Jannar 2011, hafna oltre t-terminu fakoltativ impost mill-ligi. "Hu car ghalhekk illi din il-kawza saret fuori termine u kwindi rritwali u bla ebda effett fil-konfront tal-konvenut.*

*"Wiehed jista` jargumenta illi din in-nullita mhix wahda minn dawk li l-Kapitolu 12 fl-artikolu 789 isemmi bhala li twassal ghal nullita tal-att. Din il-Qorti ma taqbilx. It-termini perentorji huma imposti mill-ligi bhala salvagwardja ghad-drittijiet kemm ta` dawk li favur taghhom hu konness id-dritt tal-azzjoni u fil-konfront ta` terzi li ma ghandhomx jibqghu fi stat incert tad-dritt. L-artikolu 105 tal-Kapitolu 12 infatti jistabilixxi illi kull zmien legali jew gudizjali jghaddi ukoll kontra l-persuni li favur taghhom il-beneficju taz-zmien ikun inghata.*

*"F`dan il-kaz it-terminu mpost mill-ligi (shall) sar bl-iskop preciz li jkun hemm certezza tad-drittijiet tal-partijiet entro limiti moghtija mill-ligi. In-nuqqas ta` azzjoni f`dak it-terminu wassal ghal sitwazzjoni inevitabbli u irriversibbli ta` rinunzja ghall-access lejn il-Qrati fuq dik il-vertenza kolpita. Kwindi kull att gudizjarju pprezentat barra miz-zmien iwassal ghal irritwalita tieghu u per konsegwenza n-nullita tieghu bhala mezz ta` azzjoni fil-konfront tal-konvenut quddiem il-Qrati ordinarji."*

Meta l-kawza marret fl-appell, il-Qorti ta` l-Appell cahdet l-appell u spjegat li :

*"Illi f`din il-kawza s-socjeta` attrici qed tilmenta minn decizjoni li ha l-Bord talAppell dwar Kuntratti Pubblici fit-18 ta` Novembru 2010, li biha giet michuda oggezzjoni li ressqet wara li offerta li*

*tefghet ghall-kuntratt pubbliku ghall-provvista ta` konkos giet michuda.*

*Is-socjeta` attrici espressament invokat ir-regolament 84(19) tal-Avviz Legali 177/05, li jghid li min ihossu aggravat b`decizjoni tal-Bord seta` jirreferi l-kwistjoni lill-Prim`Awla tal-Qorti Civili. Jidher li s-socjeta` attrici ma ndunatx li dan l-artikolu gie mibdul bl-Avviz Legali 233/09 li jrid li tali rikors isir fi zmien ghaxart ijiem mid-data tad-decizjoni tal-Bord.*

*Hu fatt li din il-kawza nfethet oltre xahrejn wara li nghatat id-decizjoni tal-Bord u ghalhekk, l-ewwel Qorti ddikjarat il-kawza nulla u irritwali. Is-socjeta` attrici appellat mis-sentenza, pero`, din il-Qorti tqis l-appell intavolat hu pjuttost frivolu fid-dawl tad-disposizzjoni espressa tal-ligi kif kienet dak iz-zmien.*

*Indipendentement minn kif l-ewwel Qorti qieset l-azzjoni attrici, hu car li din il-kawza saret a bazi tar-regolament 84(19) invokat espressament mis-socjeta` attrici ghar-rimedju minnha mitlub, u dan ir-regolament jghid car u tond li l-kawza trid issir fi zmien ghaxart ijiem mid-decizjoni finali tal-Bord. Id-distinzjoni li tipprova taghmel is-socjeta` appellanti bejn terminu ta` preskrizzjoni u dak ta` dekadenza jew bejn dekadenza dwar id-dritt soggettiv u d-dritt procedurali, ma hux rilevanti ghall-kwistjoni in materja, ghax darba l-ligi timponi terminu ghal prezentata ta` att gudizzjarju dak it-terminu huwa ta` ordni pubbliku, huwa rrinunzjabbli u ma jistax jigi estiz. Hawn mhux qed nitkellmu fuq terminu ta` preskrizzjoni marbut ma` ezercizzju ta` dritt, izda ma terminu marbut ma` ezercizzju ta` rimedju koncess bil-ligi, u dak ir-rimedju jrid jigi ezercitat fi zmien li timponi l-ligi, u mhux meta jrid dak li jkun.*

*F`dan ir-rigward, huwa pacifiku li biex azzjoni gudizzjarja tkun valida tehtieg li din tissodisfa r-rekwiziti kollha li timponi fuqha l-ligi, u n-nuqqas ta` konformita` ma` dawn ir-rekwiziti jgib in-nullita` tal-istess att. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza* ***Sammut v. Pellegrini Petit****, deciza fis-16 ta` Novembru 1920:*
*"….quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anzicche di prescrizione, e` termine di decadenza, nel senso che decorso quel termine, quell`atto non sarebbe piu` ammissibile."*

*It-termini procedurali huma termini li jolqtu z-zmien li fih att gudizzjarju ghandu jigi pprezentat, liema att jitqies irritu u null*

*jekk ma jigix pprezentat fi zmien preskritt. In-nuqqas ta` osservanza ta` terminu bhal dan huwa sollevabli ex officio peress illi r-regoli li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-qrati huma ta` ordni pubbliku, u ma jistax jigi permess il-kuntrarju ta` dak stabbilit, anke jekk hemm qbil bejn il-partijiet.*

*Fil-fehma ta` din il-Qorti, mhux materjali jekk din l-azzjoni ghandhiex tigi kkunsidrata bhala kontinwazzjoni fi grad superjuri tal-proceduri mibdija quddiem il-Bord tal-Appell jew azzjoni ex novo, ghax f`kull kaz, hi azzjoni li kellha ssir f`terminu pre-determinat, mhux bhala preskrizzjoni, izda bhala zmien koncess biex jintalab rimedju specifiku u allura kellu jigi segwit ad ungwem. B`lenti ohra, din l-azzjoni ta` riferenza tista` anke tixxebbah mal-azzjoni talistharrig gudizzjarju kif regolata taht l-Artikolu 469A tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili. Hawnhekk il-gurisprudenza tenniet li it-terminu li fih tista` titressaq l-azzjoni ta` stharrig gudizzjarju huwa wiehed perentorju li ma jistax jigi mtawwal (ara perezempju* ***Azzopardi v. Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar****, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Inferjuri, fl-14 ta` Dicembru 2007).*

*Ghalhekk bi process analogiku, bhalma huwa perentorju u improrogabbli tterminu biex titmexxa l-azzjoni ta` stharrig gudizzjarju taht l-imsemmi Artikolu 469A, hekk ukoll ghandu jitqies perentorju u improrogabbli z-zmien li fih trid issir ir-riferenza a tenur tar-regolament 84(19) tar-regolamenti tal-kuntratti pubblici."*

Dan premess, din il-Qorti tinnota hem mil-kawza saret ai termini tar-Reg 84(19) tar-Regolamenti tal-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici. Fid-data ta` dik id-decizjoni (14 ta` Ottubru 2009) id-disposizzjoni kienet tghid kjarament illi :- *Kull offerent li jaghmel ilment u li ma jkunx sodisfatt bid-decizjoni finali li tittiehed mill-Bord ta` l-Appell ghandu jirreferi l-kwistjoni quddiem il-Prim` Awla tal-Qorti Civili f`perjodu ta` ghaxart ijiem mid-decizjoni finali tal-Bord tal-Appell. Dak id-dritt ma ghandux madankollu idewwem lid-Direttur tal-Kuntratti jew lill-Kap ta` awtorita` kontraenti milli jimplimenta d-decizjoni finali tal-Bord ta` l-Appelli.*

Bl-applikazzjoni tal-principju illi *ubi lex voluit dixit,* jirrizulta li ladarba fl-Art 84(19) ma hemmx specifikat li l-ghaxart ijiem jibdew jiddekorru minn meta d-decizjoni tigi notifikata lill-partijiet, din il-procedura kellha tigi

pprezentata fi zmien ghaxart ijiem mid-decizjoni moghtija. Dan anke in linea ma` dak sostenut fil-kawza fuq citata.

Madanakollu ghandha issir distinzjoni dwar jekk din id-decizjoni nghatatx fil-miftuh jew jekk jekk gietx ippubblikata wara li d-decizjoni tkun ittiehdet kameralment. Dana fid-dawl tal-prezunzjoni legali li n-notifika tad-decizjoni lill-partijiet tkun saret fil-jum li fih tkun inghatat id-decizjoni bil-miftuh.

Fil-kaz tal-lum, Reg 84 tar-Regolamenti tal-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici - hekk kif kien jaqra fiz-zmien li nghatat id-decizjoni tal-PCAB li qed isir l-ilment dwarha – kien ighid :-

> *(13) Ic-Chairman ghandu jqieghed is-smigh pubbliku fuq il-lista kemm jista` jkun malajr wara li jigi lilu riferit ir-Rapport ta` l-Analizi u d-dokumentazzjoni relattiva ohra mid-Direttur tal-Kuntratti kif stipulat fir-regolament 83(2)(h).*
>
> *(14) Id-decizjoni tal-Bord ta` l-Appelli ghandha tkun finali f`dak li ghandu x`jaqsam ma` l-ghoti tal-kuntratt involut u d-Direttur tal-Kuntratti jew il-Kap ta` awtorita` kontraenti ikollu l-awtorita` jipprocedi bl-ghoti tal-kuntratt malli d-decizjoni tal-Bord tigi ppubblikat u notifikata lill-partijiet interessati.*
>
> *(15) Decizjonijiet tal-Bord ta` l-Appelli ghandhom preferibilment jittiehdu abbazi ta` vot unanimu. Madankollu, decizjonijiet li jittiehdu b`maggoranza ghandhom ikunu finali u vinkolanti dwar l-ghoti tal-kuntratt. Ic-Chairman u z-zewg membri l-ohra jkollhom vot kull wiehed.*
>
> *(16) Decizjonijiet tal-Bord ta` l-Appelli ghandhom jigu prezentati mic-Chairman lid-Direttur tal-Kuntratti bil-miktub fi zmien ghaxart ijiem minn meta ssir is-seduta pubblika. Jekk il-Bord ta` l-Appelli ma jkunx jista`, ghal ragunijiet validi, jikkonforma ruhu ma` dan it-terminu, id-Direttur tal-Kuntratti ghandu jestendi l-perjodu in kwistjoni jekk dik l-estensjoni titqies li tkun wahda mitluba mic-cirkostanzi tal-kaz.*
>
> *(17) Id-decizjonijiet kollha li jittiehdu mill-Bord ta` l-Appelli ghandhom jitnizzlu bil-miktub. Fihom ghandu jkun hemm il-fatti kollha u r-ragunijiet li fuqhom il-Bord ta` l-Appelli jimmotiva d-decizjoni tieghu. Id-decizjonijiet kollha ghandhom jittiehdu b`rakkomandazzjonijiet definittivi li jkunu vinkolanti fuq id-*

*Direttur tal-Kuntratti jew il-Kap ta` l-awtorita`kontraenti u l-offerenti kollha involuti.*

*(18) Il-Bord ta` l-Appelli ghandu jirrakkomanda jekk ghandux depozitu prezentat minn offerent skond ir-regolament 83 jithallas lura, kollu kemm hu jew f`parti minnu, jew ma jithallas lura xejn, filwaqt li jaghti bil-miktub ragunijiet ghal dik ir-rakkomandazzjoni. Ir-rakkomandazzjoni ta` l-Bord ghandha tkun wahda finali u vinkolanti."*

Minn qari ta` dawn id-disposizzjonijiet, jirrizulta illi d-decizjoni tal-PCAB ma tinghatax fil-miftuh fil-pubbliku izda l-PCAB ghandu jobbliga li jghaddi r-rakkomandazzjonijiet tieghu lid-Direttur Generali tal-Kuntratti li mbaghad jippubblika l-istess rakkomandazzjonijiet u jwettaqhom. Dan hu in linea max-xhieda ta` Saviour Debono, Segretarju tal-PCAB, moghtija fid-19 ta` April 2010 fejn stqarr :-

Xhud :
*… wara li jsir il-hearing ghandu ghaxart ijiem mid-data tal-hearing biex johrog id-decizjoni. Issa jekk jaqbez l-ghaxart ijiem u ma jkunx ha johrog id-decizjoni, kif minghalija kien f` dal-kaz, jitlob extension..minghand id-Direttur Generali tal-Kuntratti.*

Dr Norval Desira :
*Pero` meta jigi ghad-decizjoni jaqrah bil-miktub fil-pubbliku jew inkella?*

Xhud :
*Le, le, kif inhu obbligat bil-ligi jghaddi s-sentenza lid-Direttur Generali tal-Kuntratti u jippublikaha d-Direttur Generali tal-Kuntratti s-sentenza…Jien nirceviha ffirmata minghand kulhadd, minghand ic-Chariman u l-membri tal-Bord tal-Appelli u kif ikun id-driver stess naghmilhielu f` envelope issiggilat u jkolli l-firma illi rceviha d-Direttur Generali tal-Kuntratti.*

L-istess xhud ikkonferma li fil-kaz tal-lum, id-Direttur Generali tal-Kuntratti rcieva fis-16 ta` Ottubru 2009 u li l-PCAB ma jibghatx lil appellanti jew partecipanti fl-appell kopja ta` tali decizjoni u lanqas ma jippubblikaha b` xi mod iehor.

Jidher ukoll mill-ittra a fol 211 mibghuta mis-Segratarju tal-PCAB lid-Direttur Generali tal-Kuntratti datata 14 ta` Ottubru 2009, illi l-PCAB talab estensjoni sas-16 ta` Ottubru 2009 biex tinghata d-decizjoni , liema talba kienet approvata kif jirrizulta mill-istess ittra li giet iffirmata mid-Direttur Generali bhala "*approved*".

Jigi osservat izda li ma gietx ipprezentata l-ittra li ntbaghtet mid-Direttur Generali tal-Kuntratti lir-rikorrenti li permezz taghha din ta` l-ahhar giet infurmata bis-sentenza tal-PCAB sabiex tigi kkonstatata d-data li fiha ntbaghtet.

Madanakollu, din il-Qorti tqis li hemm konflitt fil-provi prodotti dwar din l-eccezzjoni partikolari, peress li d-decizjoni tal-PCAB ezebita a fol 117 et seq hija mnizzla bhala datata 14 ta` Ottubru 2009 mentri imbaghad fl-istess data ta` l-14 ta` Ottubru 2009, intbaghtet ittra mis-Segretarju tal-PCAB illi kien hemm bzonn ta` aktar jiem u li d-decizjoni ma setghetx tinghata dakinhar izda fis-16 ta` Ottubru 2009.

Tenut kont ta` dak fuq espost, din il-Qorti hija tal-fehma li ma tressqux provi sodisfacjenti dwar id-data ta` l-14 ta` Ottubru 2009, u li kienet proprju dik id-data li fiha giet ppubblikata d-decizjoni tal-PCAB. Minkejja li din hija d-data mnizzla fid-decizjoni tal-PCAB a fol 117 et seq, jidher li effettivament id-data li fiha nghatat is-sentenza kienet is-16 ta` Ottubru 2009, peress li sal-14 ta` Ottubru 2009, il-PCAB kien qed jitlob estensjoni fit-terminu. Din il-Qorti tibqa` tal-fehma li n-nullita` ta` procedura hija rimedju estrem.

**Ghaldaqstant peress li ma hemmx il-kjarezza dwar meta effettivament inghatat id-decizjoni tal-PCAB, u meta din giet ippubblikata, il-Qorti sejra tichad l-eccezzjoni.**

**iv) <u>It-tielet eccezzjoni dwar it-tielet talba</u>**
**<u>Malta Tourism Authority</u>**
**<u>Risposta guramentata tad-9 ta` Dicembru 2009</u>**

L-eccezzjoni taqra :-

*Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rimedju pprovdut mir-regolament 84(19) tar-Regolamenti tal-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici, u li fuqu hija bbazata l-kawza de quo, jista` jigi uzat biss sabiex tigi kkontestata d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli datata 6 ta` Awwissu 2009. Ghalhekk it-talba numru 3 fir-rikors promotur ma tistax issir ai termini tar-Regolament 84(19) u se mai, tali azzjoni hija fuori termine.*

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha, l-Awtorita` sostniet li dakinhar li nghatat id-decizjoni tal-Bord tat-28 ta` April 2009, ir-Reg 84(19) tar-Regolamenti tal-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici ma kienx fih terminu li fih kellu jigi pprezentat l-appell quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili. Izda meta dan ir-regolament kien emendat f`Awissu 2009, kien mizjud terminu entro liema wiehed kellu jressaq l-appell tieghu quddiem il-Prim` Awla tal-Qorti Civili. L-Awtorita` sostniet li immedjatament li dan it-terminu gie mizjud, dan sar applikabbli immedjatament u ghalhekk l-appell interpost mid-decizjoni tas-sentenza tal-Bord tat-28 ta` April 2009 permezz tat-tielet talba attrici, ghandu jigi meqjus li sar *fuori termine.* In sostenn ta` dan, l-Awtorita` ghamlet referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti tas-26 ta` Marzu 2013 fil-kawza "**Future Focus Limited vs Direttur Generali Dipartiment tal-Kuntratti et"**

L-argument tal-Awtorita` mhux kondiviz minn din il-Qorti.

Il-fatti mertu tas-sentenza citata mill-Awtorita` kienu diversi minn dawk tal-kaz tal-lum.

Fil-kaz ta` Future Focus Limited, id-decizjoni tal-Bord tal-Appell tal-Kuntratti Pubblici nghatat fit-28 ta` Settembru 2009, izda fid-decizjoni nghad illi l-appell tas-socjeta` attrici kien jigi milqugh fil-kaz li t-Test of Reasonableness Board (TORB) jiccertifika bhala accessibbli l-binijiet taghha. Irrizulta li l-konkluzjoni tat-TORB ittiehdet fil-5 ta` Ottubru 2009 u kienet sfavorevoli ghas-socjeta` attrici u ghalhekk il-Qorti kkonkludiet li b`effett minn din l-ahhar data, id-decizjoni tal-Bord tal-Appell tal-Kuntratti Pubblici giet reza finali. F` dik il-kawza, l-appell quddiem il-qorti gie pprezentat fit-22 ta` Dicembru 2009 u allura ben oltre t-terminu stabbilit fl-Art 84(19). Is-socjeta` attrici hemm sostniet li t-*tender* in kwistjoni hareg f`Mejju 2009 u ghalaq f`Gunju 2009 u peress li dak iz-zmien ma kien hemm stipulat l-ebda terminu mil-ligi sabiex titressaq il-procedura odjerna (peress li t-terminu gie

ntrodott f`Awissu 2009), hija l-ligi vigenti fiz-zmien meta harget is-sejha li ghandha tghodd u tapplika.

Il-fehma tas-socjeta` attrici f`dik il-kawza ma kenitx kondiviza minn din il-Qorti, peress li l-bdil tal-ligijiet tal-procedura ghandhom effett immedjat anke fir-rigward ta` kazi gja` ezistenti qabel id-dhul fis-sehh tal-ligi u li jkunu ghadhom pendenti mad-dhul fis-sehh tal-ligi.

**Issa fil-kaz tal-lum, l-emenda ghar-Reg 84(19) giet introdotta f` Awissu 2009, ossija fi zmien meta d-decizjoni tal-PCAB kienet inghatat fit-28 ta` April 2009. Per konsegwenza, din il-Qorti ma tarax li tista` b` xi mod tilqa` l-argument ta` l-Awtorita` tat-Turizmu ta` Malta peress li l-emenda dahlet fis-sehh wara d-decizjoni tal-PCAB. Ghalhekk l-argument dwar nullita tat-tielet talba abbazi ta` presentata *fuori termine* sejjer jigi skartat.**

**Dan l-istess *ratio* japplika fir-rigward tat-tielet eccezzjoni mressqa minn EMCS Consortium fir-risposta guramentata taghha tal-11 ta` Jannar 2010, u t-tieni eccezzjoni mressqa minn EMCS Consortium fir-risposta guramentata taghha tat-2 ta` Marzu 2016,**

**Dawn l-eccezzjonijiet qeghdin jigu michuda wkoll.**

**V. Il-mertu tal-ewwel u t-tielet talbiet**

**1) Eccezzjonijiet fil-mertu dwar l-ewwel talba**

L-intimati ressqu diversi eccezzjonijiet fil-mertu dwar l-ewwel talba.

**i) EMCS Consortium**

Fir-risposta guramentata taghha tal-11 ta` Jannar 2010, EMCS Consortium eccepixxa illi l-ewwel talba hija infondata peress li d-decizjoni tal-PCAB hija gusta u timmerita konferma.

L-istess inghad mill-konsorzju intimat fir-raba` eccezzjoni kontenuta fir-risposta guramentata taghha tat-2 ta` Marzu 2016.

L-istess konsorzju eccepixxa mis-sitta sal-hdax-il eccezzjoni tar-risposta guramentata taghha tat-2 ta` Marzu 2016 illi s-socjeta` attrici kienet giet infurmata bir-raguni tad-decizjoni mehuda fil-25 ta` Frar 2009 izda hija baqghet ma appellatx.

Kien eccepit illi l-unika offerta li giet skwalifikata fil-31 ta` Lulju 2009 kienet l-offerta taghha peress li hija biss kienet appellat mid-decizjoni u ghalkemm kull ma sar mill-Kumitat ta` Evalwazzjoni fit-tieni istanza kien li rreproduca l-istess ragunijiet ta` skwalifika li kienu gew imhabbra fl-ittra tal-25 ta` Frar 2009, certament ma kienx kaz li s-socjeta` attrici giet skwalifikata darbtejn ghall-istess raguni.

## ii) Malta Tourism Authority

L-Awtorita` tat-Turizmu ta` Malta eccepiet illi l-involviment taghha fil-process in kwistjoni kien limitat biss ghal dak ta` l-evalwazzjoni tal-offerti u ma kien hemm l-ebda involviment da parti taghha in konnessjoni mal-procedura u d-decizjonijiet li qeghdin jigu attakkati (raba` eccezzjoni – risposta guramentata tad-9 ta` Dicembru 2009).

Fit-tielet eccezzjoni tar-risposta guramentata ulterjuri taghha tad-29 ta` Frar 2016, l-Awtorita` tat-Turizmu ta` Malta eccepiet li l-appell sottomess mir-rikorrenti kien gie skwalifikat fid-dawl tal-fatt li r-rikorrenti naqset milli tappella fiz-zmien moghti lilha mil-ligi u ghalhekk ir-rikorrenti ma tistax tippretendi li ma tibqax tigi kkunsidrata li kienet skwalifikata u dan specjalment meta ma appellatx mid-decizjoni tal-Kumitat Generali tal-Kuntratti tal-25 ta` Frar 2009 entro t-terminu prefiss u dan kif kellha kull dritt li taghmel.

## iii) Direttur Generali tal-Kuntratti

Id-Direttur Generali tal-Kuntratti eccepixxa li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt (tielet eccezzjoni tar-risposta guramentata tad-9 ta`

Dicembru 2009) kif ukoll illi l-kooperattiva rikorrenti ma tistax tnehhi l-iskwalifika taghha ghaliex hija ma appellatx mid-decizjoni tal-Kumitat Geerali tal-Kuntratti tal-25 ta` Frar 2009 bil-konsegwenza li ladarba ma appellatx fiz-zmien moghti lilha bil-ligi allura dan ifisser illi l-iskwalifika taghha llum hija wahda finali u nsindikabbli (raba` eccezzjoni tar-risposta guramentata ulterjuri tat-28 ta` Dicembru 2015).

**iv)** **<u>Market Intelligence Services Company Limited u Outlook Management and Communications Cooperative Society Limited</u>**

Fl-ewwel eccezzjoni (risposta guramentata - 10 ta` Dicembru 2009) kien eccepit illi l-ewwel talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante li kuntrarjament ghal dak allegat il-procedura tas-6 ta` Awissu 2009 ma kinitx valida u ammissibbli skont id-disposizzjonijiet relattivi ta` ligi applikabbli in materja.

L-eccezzjoni rega` saret fir-risposta guramentata ulterjuri taghhom ipprezentata fit-23 ta` Frar 2016.

**2)** **<u>Eccezzjonijiet fil-mertu dwar it-tielet talba</u>**

**i)** **<u>EMCS Consortium</u>**

Fir-risposta guramentata taghha tal-11 ta` Jannar 2010, EMCS Consortium eccepiet fis-sitt eccezzjoni taghha kif ukoll fit-tielet eccezzjoni tar-risposta guramentata taghha tat-2 ta` Marzu 2016, illi t-tielet talba hija infondata stante li d-decizjoni tat-28 ta` April 2009 tal-PCAB kienet wahda gusta u valida u in ogni caso hija res judicata u inappellabbli.

**ii)** **<u>Malta Tourism Authority</u>**

L-Awtorita` tat-Turizmu ta` Malta eccepiet illi l-involviment taghha fil-process in kwistjoni kien limitat biss ghal dak ta` evalwazzjoni tal-offerti u ma kien hemm l-ebda involviment da parti tal-eccipjenti in konnessjoni mal-

procedura u decizjonijiet li qeghdin jigu attakkati (raba` eccezzjoni ta` l-Awtorita` - risposta tad-9 ta` Dicembru 2009).

**iii) <u>Direttur Generali tal-Kuntratti</u>**

Id-Direttur Generali tal-Kuntratti eccepixxa li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt (tielet eccezzjoni tar-risposta guramentata tad-9 ta` Dicembru 2009).

**iv) <u>Market Intelligence Services Company Limited u Outlook Management and Communications Cooperative Society Limited</u>**

Fit-tieni eccezzjoni fir-risposta guramentata taghhom ta` l-10 ta` Dicembru 2009, Market Intelligence Services Company Limited u Outlook Management and Communications Cooperative Society Limited eccepew li t-tielet talba attrici ghandha tigi akkolta fis-sens li tirrispekkja d-dispositiv tad-Decizjoni tal-Bord ta` l-Appelli dwar Kuntratti Pubblici datat 14 ta` Ottubru 2009 liema decizjoni hija gusta kif ukoll finali u li torbot lill-partijiet kollha nvoluti f` din il-vertenza skond il-ligi applikabbli.

Imbaghad fir-risposta guramentata ulterjuri taghhom tat-23 ta` Frar 2016, eccepew illi it-tielet talba filwaqt li ssegwi d-dispositiv tad-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-kuntratti pubblici datata 14 ta` Ottubru 2009 ma tistax tigi milqugha stante l-invalidita` u l-inammissibilita` tal-procedura attrici tas-6 ta` Awissu 2009.

**Fid-dawl ta` dawn l-eccezzjonijiet u s-sottomissjonijiet li saru mis-socjeta` rikorrenti, id-decizjoni dwar dawn it-talbiet tirrivolvi tistrieh fuq dak li sehh qabel u wara d-decizjoni tal-PCAB tat-28 ta` April 2009.**

**Analizi ta` din ix-xorta trid titlaq mid-disposizzjonijiet tal-ligi li kienu applikabbli u rilevanti.**

**3) <u>Dritt</u>**

Kif gia` nghad, il-ligi applikabbli ghal dan it-*tender* hija r-Regolamenti ta` l-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici (Avviz Legali 177 ta` l-2005) kif emendati.

Reg 82 tal-Avviz Legali jghid :-

*(1) L-awtoritajiet kontraenti elenkati fl-Iskeda 1 ghandhom jizguraw li ghal kull offerta moghtija skond il-proceduri miftuha jew ristretti b`valur stmat ta` iktar minn Lm250,000 jew, fid-diskrezzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti, ghal offerti ta` valur stmat iktar baxx jew fuq offerti moghtija skond il-proceduri negozjati jew id-djalogu kompetittiv, il-kondizzjonijiet ta` l-offerta jistipulaw li offerti ghandhom biss jikkwalifikaw sabiex jigu kkunsidrati jekk isiru f`pakketti separati kif gej :*

*(a) Pakkett Wiehed: garanzija ta` offerti originali u valida (Garanzija ta` Offerti), ezegwita kif imiss fl-ghamla, ghall-ammont u ghall-perjodu ta` validita` stipulat fid-dokument ta` l-offerta ufficjali;*

*(b) Pakkett Tnejn: specifikazzjonijiet teknici inkluzi letteratura, dettalji, disinni, kampjuni u kull materjal iehor kif mitlub fid-dokumenti ta` l-offerta; u*

*(c) Pakkett Tlieta: skedi kompleti ta` prezzijiet u, jew fatturi ta` kwantitajiet, formola ta` offerti, kondizzjonijiet ta` hlas jew arrangamenti finanzjarji ohra; kull ittra ohra relatata li tista` tipprovdi dettalji relattivi ohra ta` xorta kummercjali.*

*(2) Fil-process ta` aggudikazzjoni ta` l-offerta, il-pakketti ghall-offerenti kollha ghandhom jinfethu fil-pubbliku u f`sekwenza enumerata fis-subregolament (1). Meta f`xi stadju, offerent jonqos milli jhares il-htigiet procedurali u, jew l-ispecifikazzjonijiet, il-pakketti li jifdal fl-offerta tieghu ghandhom jigu mwarrba minghajr anqas biss jigu miftuha :*

*Izda d-Direttur tal-Kuntratti jew, bl-awtorizzazzjoni tieghu, kull awtorita` kontraenti, ikollhom il-jedd jiksbu kjarifiki fuq punti ta` xorta teknika b`mod li tkun tista` ssir valutazzjoni debita*

*ta`kull offerta, li, madankollu, f`dak l-istadju kienet tkun diga` giet dikjarata bhala wahda bazikament konformi.*

*(3) Decizjoni li twassal ghat-twarrib ta` offerta matul xi stadju tal-process ghandha tinghata pubblikament fl-ufficju ta` l-awtorita` kontraenti jew fid-dipartiment tal-kuntratti skond ma jkun il-kaz u l-offerent milqut ghandu jigi mgharraf b` dik id-decizjoni fi zmien jumejn tax-xoghol mill-pubblikazzjoni taghha.*

*(4) Ilment li jsir mill-offerent milqut u minn kull persuna li ghandha jew kellha interess li tikseb kuntratt pubbliku partikolari ghandu jasal fid-Dipartiment tal-Kuntratti jew ghand l-awtorita` kontraenti involuta, skond ma jkun il-kaz, fi zmien erbat ijiem minn meta jinghata avviz tad-decizjoni u dak l-ilment ghandu jkollu flimkien mieghu depozitu ta` 0.5% tal-valur stmat ta` l-offerta, liema depozitu ghandu biss jithallas lura jekk il-Bord ta` l-Appelli jiddeciedi favur l-offerent jew persuna ohra li jkollha jew li darba kellha interess f` li tikseb xi kuntratt pubbliku partikolari.*

*Izda d-depozitu ma ghandu f` ebda kaz ikun inqas minn Lm 250 jew izjed minn Lm 25,000.*

*(5) Ir-revizjoni ghandha ssir mill-Bord ta` l-Appelli dwar Kuntratti Pubblici qabel ma jibda l-istadju li jmiss tal-process ta`aggudikazzjoni.*

*(6) Il-procedura li ghandha tigi segwita mill-Bord meta dan ikun qed jaghmel ir-revizjoni ghandha tkun tikkonsisti f`ezami mill-gdid shih u dettaljat tar-ragunijiet migjuba mill-bord ta` l-aggudikanti ta` xi dipartiment jew awtorita kontraenti ghat-twarrib ta` xi offerta partikolari.*

*(7) Fit-twettiq ta` dan l-obbligu c-Chairman tal-Bord ta` l-Appelli jkollu l-jedd jaghmel mistoqsijiet xierqa lill-Kap ta` xi dipartiment jew awtorita` kontraenti kif ukoll lill-membri tal-bordijiet aggudikanti rispettivi u jirrikorri ghad-dokumentazzjoni kollha rilevanti.*

*(8) Ic-Chairman tal-Bord ta` l-Appelli ghandu wkoll ikollu l-jedd jikseb parir ta` espert minn barra d-Dipartiment jew l-awtorita` kontraenti involuta.*

*(9) Id-decizjoni tal-Bord ghandha tkun wahda finali u vinkolanti fuq il-partijiet kollha u l-procedura ta` l-ghoti tal-kuntratt ghandha timxi skond id-decizjoni tieghu.*

*(10) Offerent jew kull persuna ohra li jkollha jew li darba kellha interess fil-kisba ta` xi kuntratt pubbliku partikolari li jkollhom ilment taht din it-Taqsima li ma jigix accettat, ma jkollhomx il-jedd li jghaddu ghall-procedura ta` l-appelli kif hemm previst fit-Taqsima XIII :*

*Izda l-jedd ta` l-appell taht it-Taqsima XIII ghandu jkun disponibbli ghal dawk l-offerenti li jkollhom offerta li tilhaq l-istadju finali tal-process ta` l-ghoti tal-kuntratt, jigifieri, il-ftuh u l-pubblikazzjoni tal-proposti finanzjarji :*

*Izda wkoll kull dritt moghti lil offerenti bis-sahha tar-regolament 84(19) ghandu wkoll japplika ghal appelli decizi mill-Bord ta` l-Appelli taht din it-Taqsima.*

Reg 83 tal-istess Avviz Legali 177 ta` l-2005 hekk kif vigenti permezz ta` l-emendi li saru bl-Avviz Legali 130 ta` l-2006 jaqra:

*(1) Offerent li jhoss ruhu aggravat minn ghoti ta` kuntratt li jkun propost u kull persuna ohra li jkollha jew li darba kellha interess li tikseb xi kuntratt ta` provvista pubblika, servizzi pubblici jew xogholijiet pubblici partikolari u li jkunu sofrew hsara jew qeghdin jirriskjaw li jsofru hsara bi ksur allegat, jistghu, f` zmien ghaxart ijiem mill-pubblikazzjoni tad-decizjoni jipprezentaw avviz ta` oggezzjoni fid-Dipartiment tal-Kuntratti jew lill-awtorita` kontraenti skond ma jkun il-kaz. Dak l-avviz ta` oggezzjoni ghandu biss ikun validu jekk flimkien mieghu ikun hemm depozitu ekwivalenti ghal wiehed fil-mija tal-valur stmat ta` l-offerta, izda f`ebda kaz ma ghandu d-depozitu jkun anqas minn Lm 200 jew izjed minn Lm 25,000. Il-Kap ta` awtorita` kontraenti ghandu minnufih javza lid-Direttur li tkun giet ipprezentata oggezzjoni ghand l-awtorita` tieghu biex b`hekk tigi sospiza minnufih il-procedura ta` l-ghoti tal-kuntratt. Id-Dipartiment tal-Kuntratti jew l-awtorita` kontraenti involuta, skond il-kaz, ma ghandux jithalla jezegwixxi l-kuntratt matul il-perjodu ta` ghaxart ijiem moghti biex jigu prezentati l-appelli. Il-process ta` l-ghoti ghandu jigi ghal kollox sospiz jekk jigi eventwalment ipprezentat appell.*

*(2) Il-procedura li ghandha tigi segwita dwar kif jigu pprezentati u decizi l-ilmenti kif ukoll il-kondizzjonijiet li tahthom dawk l-ilmenti jistghu jigu prezentati ghandha tkun kif gej:*

*(a) Decizjoni mill-Kumitat Generali tal-Kuntratti (jew mill-Kumitat Specjali tal-Kuntratti) u mill-awtorita` kontraenti, ghandha ssir pubblika fid-Dipartiment tal-Kuntratti jew fl-ufficcju ta` l-awtorita` kontraenti qabel l-ghoti tal-kuntratt.*

*(b) L-avviz ta` oggezzjoni prezentat kif imiss skond is-subregolament (1) ghandu jsir pubbliku sa mhux aktar tard mill-gurnata tax-xoghol li tigi wara l-prezentata tieghu.*

*(c) Fi zmien tliet ijiem tax-xoghol mill-iskadenza tal-perjodu ta` ghaxart ijiem moghti ghall-prezentata ta` avviz ta` oggezzjoni, kull offerent iehor u kull persuna ohra li jkollha jew li darba kellha xi interess involut f`sejha ghal offerti, jista` jirregistra interess fil-procedimenti. Ir-registrazzjoni ta` interess tkun biss valida jekk ikollha flimkien maghha depozitu li jammonta ghad-depozitu mhallas taht is-subregolament (1). L-offerent li jkun gie indikat fid-decizjoni ta` aggudikazzjoni tad-Direttur jew ta` l-awtorita` kontraenti bhala l-persuna lil min il-kuntratt kellu jinghata, ghandu jitqies bhala li jkun irregistra interess imma ma jkunx hemm ghalfejn ihallas depozitu.*

*(d) L-ismijiet ta` l-offerenti jew ta` persuni ohra li jkollhom jew darba kellhom xi interess li jiksbu xi kuntratt pubbliku partikolari u li jirregistraw interess ghandhom isiru pubblici ma` l-ewwel gurnata tax-xoghol wara l-iskadenza tat-terminu ta` zmien specifikat fil-paragrafu (c).*

*(e)(i) Fi zmien tliet ijiem wara l-pubblikazzjoni ta` l-elenku ta` persuni li jirregistraw interess, l-offerent li jipprezenta l-avviz ta` oggezzjoni ghandu jibghat ittra ta` oggezzjoni motivata li tkun tispjega l-oggezzjoni.*

*(ii) L-ittra ta` oggezzjoni u kull dokumentazzjoni li jkun hemm flimkien maghha ghandhom jigu prezentati f`ghadd ta` kopji li jkun daqs l-ghadd ta` offerenti li jkollhom interess registrat, u tliet kopji ohra.*

*(iii) L-ittra ta` oggezzjoni ghandha ssir pubblika u ghandha tigi cirkolata lill-offerenti kollha li jkollhom interess registrat.*

*(f) (i) Fi zmien hamest ijiem mill-pubblikazzjoni ta`l-ittra ta` oggezzjoni, offerent li kellu interess registrat jista` jibghat risposta motivata ghall-ittra ta` oggezzjoni.*

*(ii) Ir-risposta u kull dokumentazzjoni li jkun hemm maghha ghandhom isiru f`ghadd ta` kopji li jkun daqs l-ghadd ta` offerenti li jkollhom interess registrat, u tliet kopji ohra.*

*(iii) Ir-risposta ghandha ssir pubblika u ghandha tigi cirkolata lill-offerenti kollha li jkollhom interess registrat u lill-offerenti kollha li jkunu gJamlu oggezzjoni.*

*(g) Fi zmien ghaxart ijiem mill-pubblikazzjoni tar-risposti d-Direttur jew il-Kap ta` l-awtorita` kontraenti ghandhom jippreparaw rapport (Rapport ta` Analisi) fejn tigi analizzata l-ittra ta` oggezzjoni u r-risposti relattivi. Dan ir-rapport ghandu jigi cirkolat lill-offerenti li jkunu pprezentaw oggezzjoni u li jkollhom interess registrat. Wara li jitlesta l-process preparatorju kif imiss, il-Kap ta` l-awtorita` kontraenti ghandu jibghat lid-Direttur tal-Kuntratti d-dokumentazzjoni kollha relattiva ghas-sejha ghal offerti inkwistjoni inkluzi l-inkartamenti, l-offerti pprezentati, il-kopji ta` ircevuti tad-depozitu, l-ittri motivati, ir-rapporti ta` analisi, ecc.*

*(h) Id-Direttur ghandu jibghat id-dokumentazzjoni kollha li jkollha x`taqsam ma` xi kaz ta` appell lic-Chairman tal-Bord ta` l-Appelli li mbaghad ghandu jipprocedi skond kif stipulat fit-Taqsima XIV.*

*(i) Id-Direttur jew il-Kap ta` l-awtorita` kontraenti ghandu jippublika kopja tad-decizjoni tal-Bord ta` l-Appelli fid-dipartiment tieghu jew fil-bini ta` l-awtorita` kontraenti rilevanti, skond ma jkun il-kaz. Kopji tad-decizjoni ghandhom jintbghatu lill-offerent li jkun qed jilmenta, lil kull offerent li kellu interess registrat jew implicitu u, mid-Direttur biss, lill-awtorita kontraenti inkwistjoni meta din tkun wahda elenkata fi Skeda 2.*

*(3) Jistghu isiru biss ilmenti skond din it-Taqsima meta jigu moghtija kuntratti pubblici mill-awtoritajiet elenkati fl-Iskeda 1 li l-valur taghhom ikun jeccedi Lm 20,000 …”.*

4) **<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

i) **<u>Qabel id-decizjoni tat-28 ta` April 2009</u>**

Fil-25 ta` Frar 2009 (Dok A a fol 8) intbaghtet ittra lis-socjeta` rikorrenti mid-Direttur Generali tal-Kuntratti, li fiha kien hemm imnizzel li :

> "*.... I regret to inform you that this open tender procedure has been cancelled.*
>
> *The tender submitted by you was administratively non compliant since both parties of the Consortium failed to submit bank statements as required by Article 3 of the tender document.*
>
> *If you intend to object to this decision, the Regulations allow for an official objection which in this case has to be lodged by 12.00 noon of Monday 9th March 2009 against a deposit of EUR 34,079.25 ......*"

Fl-ittra ma kienx hemm indikazzjoni dwar liema regolament jew procedura kienet qed tigi applikata in konnessjoni mad-dritt moghti li ssir oggezzjoni. Fil-website tad-Dipartiment tal-Kuntratti, gie indikat ukoll il-kancellament tat-*tender* in ezami (ara Dok B a fol 9)

Irrizulta li l-kontenut ta` din l-ittra ghalhekk kien jikkontjeni decizjoni li t-*tender* qed tigi kancellata kif ukoll illi s-socjeta` rikorrenti ma kinitx issodisfat ir-rekwiziti tat-tieni pakkett. Hekk kif kienet impostata, jidher li jista` jkun li s-socjeta` rikorrenti kellha ragun li targumenta li kien inutli li tappella dwar il-fatt li hija ma kinitx *administratively compliant*, ladarba din it-*tender* kienet giet kancellata.

Inoltre, hekk kif kienu vigenti r-regolamenti dak iz-zmien, ma kienet tezisti l-ebda procedura biex tikkontesta l-validita` ta` decizjoni ghal kancellament ta` *tender*. Fir-Reg 83(1) ta` l-Avviz Legali 177 ta` l-2005 kien hemm biss stipulate l-procedura li kellha tittiehed fil-kaz li offerent jhoss ruhu aggravat minn ghoti ta` kuntratt li jkun propost u mhux minn *tender* li tigi kkancellata [ara Reg 83(1) ta` l-Avviz Legali 177 ta` l-2005].

Dawn il-fatturi kollha jidher li komplew jassistu lis-socjeta` rikorrenti fid-decizjoni taghha li ma tipprezentax oggezzjoni minkejja li kien hemm stipulat terminu li fih setghet tipprezenta l-oggezzjoni taghha.

Madanakollu din il-Qorti tirrimarka li fl-ittra kien hemm stipulat terminu car li fih setghet titressaq l-ogggezzjoni relattiva ghal dik id-decizjoni mehuda – terminu ta` zmien li ma kienx jikkombaca mat-terminu preskritt skont ir-Reg 82(4) tal-Avviz Legali 177 tal-2005 u ghalkemm kien jikkombaca mat-terminu stipolat fir-Reg 83(1) tal-istess Avviz Legali, il-procedura li tmexxiet biha din l-oggezzjoni ma kinitx dik riflessa fir-Reg 83(2) et seq tal-istess Avviz Legali.

**ii) <u>Wara d-decizjoni tat-28 ta` April 2009</u>**

In segwitu ghall-ittra tal-25 ta` Frar 2009, is-socjeta` rikorrenti rega` kienet avvicinata fil-31 ta` Lulju 2009 fejn ghal darb` ohra rceviet ittra li l-offerta taghha ma kinitx konformi ma` dak li kien mistenni u ghalhekk, is-socjeta` rikorrenti kienet effettivament ser tigi skwalifikat mill-process tat-*tender*.

Jidher li s-socjeta` rikorrenti lanqas biss kienet taf li din it-*tender* kienet regghet giet ri-attivita`.

Fl-ittra tal-31 ta` Lulju 2009, is-socjeta` rikorrenti giet infurmata li l-offerta taghha ma kinitx minn fost dawk maghzula minhabba li ma gewx sottomessi *bank statements* u li ghalhekk jekk kellha ssir oggezzjoni, din kellha ssir sas-6 ta` Awissu 2009. Jinghad :

> *You are hereby being notified that in terms of Clause 82, part XII of legal notice no 177 Public Contracts Regulations 2005, the General Contracts Committee has recommended that unless any objection is received the financial proposals (prices) relative to the tender which qualified for this stage are to be opened….However, your tender is not among the selected ones since it has been adjudicated as administratively non-compliant during the evaluation because "both parties of the consortium failed to submit bank statements as required by Article 3 of the instructions to*

*tenderers". If you intend to object to this decision the Regulations allow for an official objection (resulting in re-consideration of the Adjudication process)……"*

Irrizulta li kien biss wara li rceviet din l-ittra datata 31 ta` Lulju 2009, illi s-socjeta` rikorrenti saret taf bl-oggezzjoni maghmula minn EMCS Consortium ghad-decizjoni mehuda fil-25 ta` Frar 2009.

Jidher li ma tressqux provi li l-avviz ta` oggezzjoni ta` EMCS Consortium gie ppubblikat fuq il-website tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Addirittura, irrizulta mix-xiehda ta` Saviour Debono (Segretarju tal-PCAB) illi kienet biss EMCS Consortium illi giet nfurmata bis-smiegh ta` l-oggezzjoni taghha u bil-laqgha li kellha tinzamm fl-20 ta` April 2009 u sussegwentement bid-decizjoni tat-28 ta` April 2009.

Assolutament ma rrizultax illi l-procedura tant dettaljata li biha offerent jista` jirregistra l-interess tieghu giet segwita.

Is-socjeta` rikorrenti lanqas ma giet infurmata b` dak li sehh wara d-decizjoni tat-28 ta` April 2009 fis-sens li ma gietx mitluba informazzjoni ohra rigwardanti l-offerta taghha u lanqas giet infurmata li t-*tender* kienet regghet giet riattivata.

Fl-ittra tal-31 ta` Lulju 2009, is-socjeta` rikorrenti giet moghtija dritt li toggezzjona ghad-decizjoni mehuda in kwantu fl-istess ittra regghu gew imnizzla ir-ragunijiet migjuba mill-*Evaluation Committee* ghat-twarrib ta` l-offerta tas-socjeta` rikorrenti. Din l-inkluzjoni tar-ragunijiet ghalfejn l-offerta tas-socjeta` rikorrenti ma gietx accettata, kienet taghti x` tifhem illi l-offerta tas-socjeta` rikorrenti regghet giet rievalwata mill-*Evaluation Committee* f` dan it-tieni stadju, ossija fiz-zmien sussegewenti ghad-decizjoni moghtija fit-28 ta` April 2009.

Fil-mori tal-kawza, irrizulta li wara d-decizjoni tat-28 ta` April 2009, l-*Evaluation Committee* evalwa biss l-offerta ta` EMCS Consortium (vide osservazzjoni maghmula fid-decizjoni tal-14 ta` Ottubru 2009 fejn saret referenza ghal xhieda ta` F Albani f` dan ir-rigward). Dan sehh peress li l-appell kien sar minn EMCS Consortium biss u s-sentenza moghtija mill-

PCAB fit-28 ta` April 2009 kienet tirrigwarda biss ri-ezami ta` l-offerta ta` EMCS Consortium:

> *"..this Board finds in favour of the appellant Company and recommends that the tenderer be re-admitted in this open tender procedure for further evaluation, including the clarifications which should have taken place prior to the same committee reaching the conclusion it had reached, namely to disqualify the appellant Company`s bid."* (fol 55 et seq).

Madanakollu, l-ittra tal-31 ta` Lulju 2009, ma kinitx tirrifletti dan, izda ghal kuntrarju kienet taghti x` tifhem li l-offerta tas-socjeta` rikorrenti regghet giet ikkunsidrata, tant li l-istess socjeta` rikorrenti nghatat terminu biex tressaq l-oggezzjoni taghha ghal tali decizjoni tal-*Evaluation Committee.*

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-ittra tal-31 ta` Lulju 2009 zgwidat lis-socjeta` rikorrenti peress li fiha kien hemm dritt ta` appell ghal din id-decizjoni mentri in effetti gialadarba ma kinitx regghet giet ri-evalwata l-offerta tas-socjeta` rikorrenti, id-decizjoni moghtija fil-25 ta` Frar 2009 kienet ghadha vigenti u d-dritt ta` l-appell minn tali decizjoni kellu jsehh minn dik id-data tal-25 ta` Frar 2009.

**iii) <u>It-terminu tal-appell skont l-ittra tal-25 ta` Frar 2009</u>**

Skont id-Direttur Generali tal-Kuntratti, fl-ittra tal-25 ta` Frar 2009, ir-rimedju li nghata lill-offerenti kien wiehed mahluq *ad hoc* minnu sabiex tigi kkontestata d-decizjoni tieghu li t-*tender* kienet ser tigi kkancellata.

Infatti, fin-nota ta` sottomissjonijiet tieghu, id-Direttur Generali tal-Kuntratti kkonferma li fiz-zmien in kwistjoni il-ligi taghna ma kinitx tipprovdi espressament jedd ta` appell minn decizjoni ta` kancellament ta` sejha pubblika. Ghal dawk il-kwistjonijiet, id-Direttur ma kienx obbligat jimxi biss mal-legislazzjoni domestika izda kien obbligat jimxi mal-legislazzjoni tal-Unjoni Ewropeja. Kienu citati s-sentenzi fl-ismijiet "**<u>Melita Cable plc vs Il-Ministru ghall-izvilupp urban u t-Toroq et"</u>** deciza mill-Qorti ta` l-Appell tas-6 ta` Frar 2015 u d-decizjoni fl-ismjiet "**<u>Association of Car Importers Malta et vs Awtorita dwar it-Trasport ta` Malta et"</u>** deciza fis-27 ta` Mejju 2016 li fihom inghad li hemm dmir li l-legislazzjoni

domestika tigi interpretata b` mod konformi mad-Direttiva implimentata b` dik il-legislazzjoni.

Saret referenza ghal gurispurdenza tal-ECJ in partikolari d-decizjoni fl-ismijiet "**Hospital Ingenieure Krankenhaustechnik Planungs-Gesellschaft mBh (HI) vs Stadt Wien"** moghtija fit-18 ta` Gunju 2002 fejn gie notat li decizjoni ta` ghoti ta` kuntratt tinkludi fiha decizjoni ta` kancellament ta` kuntratt u li ghalhekk, kien hemm obbligu li jigi provdut jedd ta` appell mid-decizjoni tal-kancellament tas-sejha ghall-offerti. Ghalhekk sar l-argument illi peress li r-rimedju moghti kellu jkun imsawwar fuq il-principju tal-ekwivalenza, id-Direttur tal-Kuntratti xebbah decizjoni ta` kancellament ta` *tender* ma` decizjoni finali ta` ghotja ta` *tender* u ghalhekk iffissa terminu ta` ghaxart ijiem ossija dak it-terminu riavvizat fir-Reg 83(1) ta` l-Avviz Legali 177 ta` l-2005. Fi kliem Av Franco Agius (in rappresentanza tad-Direttur Generali tal-Kuntratti) inghata terminu differenti peress li d-Direttur qies li l-kancellament tat-*tender* kien jammonta ghall-aggudikazzjoni finali u ghalhekk kienet timmerita terminu itwal mit-terminu solitament moghti ghall-appell minn decizjoni ta` rifjut ta` offerta.

Dan premess, meta din il-Qorti tirreferi ghall-kontenut ta` l-oggezzjoni li saret minn EMCS Consortium ghad-decizjoni mehuda fil-25 ta` Frar 2009, jidher li tali oggezzjoni saret fir-rigward tad-decizjoni li l-offerta taghha giet dikjarata *administratively non-compliant* u ma saret l-ebda indikazzjoni li l-oggezzjoni kienet principalment qed issir sabiex id-decizjoni tad-Direttur Generali tal-Kuntratti li jikkancella t-*tender* ma tigix michuda.

Fl-ittra ta` oggezzjoni datata 9 ta` Marzu 2009 (fol 284) EMCS Consortium spjegaw li riedu jappellaw mid-decizjoni li ttiehdet fejn l-offerta taghhom giet dikjarata bhala "*administratively non compliant since the appropriate bank statements were not submitted.*" In segwitu, fir-*reasoned letter of objection* ezebita a fol 276 et seq tal-process u datata 12 ta` Marzu 2009, EMCS Consortium ghamel car illi :- *"Whereas Appellant felt aggrieved by its exclusion from the tender procedure and thus submitted its notice of objection, accompanied by the requested deposit…."*

L-ittra ta` oggezzjoni tkompli biex tindika l-motivazzjonijiet wara dan l-appell li lkoll jirrelataw mar-rifjut tal-offerta ta` EMCS Consortium: "*Exclusion on the basis of criteria which were not requested ab initio…..Failure to ask for Clarification in the case of doubt…"*

Jirrizulta ghalhekk li dak li sar minn EMCS Consortium kien appell minn rifjut ta` offerta u xejn altru – appell li semmai kellu jigi regolat bir-Reg 82(4) tal-Avviz Legali 177 ta` l-2005.

Minn ezami tad-decizjoni tal-PCAB tat-28 ta` April 2009 a fol 55 et seq, irrizulta li d-diskussjoni li saret fis-smigh ta` dak l-appell kienet dwar jekk l-offerta ta` EMCS Consortium kellhiex tigi dikjarata bhala *administratively non-compliant* in linea mar-Reg 82(6) ta` l-Avviz Legali 177 ta` l-2005 peress li dak li sar kien ezami mill-gdid shih u dettaljat tar-ragunijiet migjuba mill-Bord ta` Aggudikazzjoni ghat-twarrib ta` l-offerta. Il-PCAB ikkunsidra biss ir-ragunjiet tal-*Evaluation Committee* ghat-twarrib ta` l-offerta ta` EMCS Consortium. Ghalhekk li hekk kif intavolat l-appell, l-oggezzjoni saret ai termini tad-decizjoni li l-offerta kienet *administratively non-complaint* u ghalhekk, it-terminu ta` l-appell kellu jkun semmai ta` terminu inqas ossija dak ta` erbat ijiem u mhux dak it-terminu ferm itwal li gie indikat fl-ittra tal-25 ta` Frar 2009.

Minghajr ezitazzjoni, din il-Qorti tghid illi kollox thabbel u kkomplika ruhu bid-decizjoni li ha d-Direttur Generali tal-Kuntratti bl-ittra tal-25 ta` Frar 2009. Huwa dan li pprecipita l-vertenza. Fl-ittra jew (i) hekk kif qed isostni d-Direttur Generali tal-Kuntratti gie kkrejat terminu gdid ghal appell minn decizjoni mehuda ghal kancellament ta` *tender* jew (ii) hekk kif qed tallega s-socjeta` rikorrenti, gie mtawwal it-terminu stipolat fir-Reg 82(4) ta` l-Avviz Legali 177 ta` l-2005 li *tender*er seta` jappella minn decizjoni li l-offerta tieghu giet rifjutata jew rigettata u b` hekk semmai l-appell maghmul minn EMCS Consortium gie pprezentat fuori termine peress li ma giex ipprezentat fit-terminu rikjest mil-ligi.

Fl-isfond ta` dan kollu, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha (**<u>PA/JRM</u>**) tat-18 ta` Mejju 2016 fil-kawza "**<u>MSD (Darlington) Limited vs Dipartiment tal-Kuntratti</u>**" fejn inghad hekk :-

> *Illi fil-fehma ta` din il-Qorti, l-ebda policy, tajjeb kemm hu tajjeb l-iskop warajha, ma tista` tinghata l-forza ta` ligi. Ghall-kuntrarju, kull politika tajba trid tissejjes fuq ligi jew provvediment li jgorr sahha ta` ligi. Barra minn hekk, huma principji fundamentali tal-ordinament guridiku taghna li (i) kull haga li mhix ipprojbita, hija permessa u (ii) ubi lex voluit, dixit. Kif inghad f`kaz li jixbah lil dan tal-lum: "F` materja ta` procedura, ir-regoli jridu, sa certu punt, jigu segwiti, ad unguem,*

*izda hadd ma jista` jigi penalizzat talli jonqos li jsegwi procedura mhux determinate b` regolament; huma r-regoli li jridu jigi segwiti, mhux xi prattika interna tad-dipartiment. F` gieh is-serjeta` u t-trasparenza, hadd ma ghandu jigi penalizzat u skwalifikat ghax ma jkunx segwa xi regola li ma tkunx tirrizlta mil-ligi. Id-dipartiment jista`, entro l-limiti tal-ligi, jirregola l-procedura interna tieghu b` certu mod, pero`, dawn iridu jkunu pubblicizzat u ma jistghux ikunu ta` pregudizzju ghall-klijent I jkun segwa l-ligi u l-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-istess dipartiment....Darba li l-pubbliku nghata struzzjonijiet dwar kif jixhet l-offerta tieghu, jekk isegwei dawk l-istruzzjonijiet, l-offerta ghandha titqies valida u mhux mistenni li, wara li tinxtehet l-offerta, l-istess offerta tigi skwalifiakta minhabba xi htiega li ma kenitx tirrizulta minn dawk l-istruzzjonijiet u lanqas minn qari logiku u bis-sens tal-ligi applikabbli....F` kntesta ta` appell wara decizjoni tal-Bord ta` l-Appell fi hdan l-Awtorita` ta` l-Ippjanar, din il-Qorti fil-kawza* ***<u>Testaferrata Moroni Viani et v. Awtorita` ta` l-Ippjanar,</u>*** *deciza fit-22 ta` April 1996, qalet li jekk l-awtorita` taghti lill-applikant istruzzjonijiet dwar kif ghandu jigi registrat appell u dawn l-istruzzjonijiet jigu segwiti, dak l-appell m` ghandux jigi dikjarat null minhabba l-fatt li l-applikant naqas li jsegwi pass iehor indikat fl-avviz legali relattiv izda mhux fl-istruzzjonijiet. Ahseb u ara, applikat dan il-principju ghal din il-kawza, kemm applikazzjoni tista` tigi dikjarata nulla meta gew segwiti l-proceduri indikati fl-istruzzjonijeit u fl-avviz legali relattiv, izda mhux xi haga ohra rikjesta mill-esigenzi interni tad-dipartiment konvenut. Il-principju ta` gustizzja naturali u `fairness` jigu mwarrba jekk isehh il-konsegwenza li qed jargumenta ghaliha d-dipartiment konvenut." (App Civ, 27.6.2008 fil-kawza fl-ismijiet* ***<u>Avv Peter Fenech noe vs Dipartiment tal-Kuntratti).</u>***

*Illi, filwaqt li tifhem is-sottomissjonijiet tad-Dipartiment imharrek, din ilQorti taqbel ukoll mal-qaghda mfissra mill-Qorti tal-Appell fis-silta hawn fuq citata, li f`materja ta` offerti ghal kuntratti pubblici kwalunkwe ambigwita` fit-termini tal-hrug tal-offerti m`ghandhiex tippregudika lill-offerent."*

Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar dak li rrizulta li gara mill-provi prodotti quddiemha.

Is-sitwazzjoni li ghandha quddiemha hija differenti minn dik hawn fuq riprodotta fis-sentenza fuq citata peress li f` dan il-kaz, ghalkemm din il-Qorti taqbel li ladarba inghataw certu struzzjonijiet dwar kif ghandu jigi registrat appell, jekk dawn gew segwiti l-appell ma ghandhux jigi dikjarat null minhabba li l-appellant naqas li jsegwi pass iehor indikat fl-avviz legali, fil-kaz odjern, dak il-pass li l-appellanti naqsu li jsegwu kien proprju t-terminu korrett stipolat mil-ligi.

Din il-Qorti taf li dan kollu sehh minhabba li d-Direttur General ital-Kuntratti ghamel terminu sabiex semmai t-*tender*ers jappellaw mid-decizjoni tieghu li t-*tender* tigi kkancellata u li kien ghalhekk li nghata terminu itwal ghall-appell li gie indikat fl-ittra tal-25 ta` Frar 2009. Izda kif jidher ben evidenti u kif anke rrimarka l-PCAB fid-decizjoni tieghu tal-14 ta` Ottubru 2009 (jew tas-16 ta` Ottubru 2009 peress li kif gia` inghad lanqas din id-data ma hija cara), l-appell maghmul minn EMCS Consortium kien jirrigwarda mertu li l-appell dwaru kellu jkun ferm aqsar mit-terminu msemmi fl-ittra tal-25 ta` Frar 2009. Infatti, il-PCAB spjegat li: "*In view of the new evidence heard during the meeting and consequent on the above decision of the Board recommends that the Department of Contracts shold review the validity or otherwise of the appeal lodged by EMCS Consortium 9case reference No 148).*"

Il-mertu ta` l-appell ta` EMCS Consortium in segwitu ghall-ittra tal-25 ta` Frar 2009 kien jirrigwarda proprju t-talba sabiex l-offerta tal-konsorzju ma tigix meqjusa bhala *admistratively non-complaint* u mhux sabiex tigi mibdula d-decizjoni tad-Direttur Generali tal-Kuntratti li jikkancella t-*tender*. Ghalhekk, semmai dan l-appell kellu jigi pprezentat fit-terminu stipolat fir-Reg 82(4) tal-Avviz legali 177 ta` l-2005.

Mill-banda l-ohra, jekk imbaghad tigi meqjusa l-ittra tal-31 ta` Lulju 2009, minkejja li kien hemm terminu imnizzel sabiex is-socjeta` rikorrenti tressaq l-appell taghha, ladarba l-offerta taghha ma gietx ri-evalwata fil-perijodu sussegwenti ghad-decizjoni tal-PCAB tat-28 ta` April 2009, kienet gusta d-decizjoni tal-PCAB ta` l-14 jew tas-16 ta` Ottubru 2009 li ddikjarat li t-terminu ta` appell semmai kellu jibda jiddekorri mill-25 ta` Frar 2009 ossija minn meta kienet ttiehdet id-decizjoni illi l-offerta tas-socjeta` rikorrenti kienet *administratively non-complaint*. Li kieku kellha tigi accettata l-argumentazzjoni tas-socjeta` rikorrenti, dan ifisser kif accettat is-socjeta` rikorrenti stess fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha illi gialadarba l-*Evaluation Committee* ma kienx rega` evalwa l-offerta taghha wara d-

decizjoni tal-PCAB tat-28 ta` April 2009, is-socjeta` rikorrenti kienet qeghda effettivament tappella ghat-tieni darba.

Dan kollu qed jigi deciz fid-dawl tal-principju legali illi "*in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b` konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta` rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta` certezza u, wkoll, ta` uniformita*". ("**Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority"**, Appell mill-Bord ta` l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta` Dicembru 2007)." (Appell Inferjuri **Kenneth Abela vs Aplan Limited** deciza 06/02/2008). It-termini procedurali huma inderogabbli. Infatti,"*ma jista` qatt ikun disputat illi t-termini ghal kompiment ta` atti processwali huma dawk stabbiliti mil-ligi. .... Trattandosi ta` norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares ad unguem, in raguni ta` l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili u f` ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta` ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula*" ("**Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila**", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta` Marzu 1997)

Ladarba t-termini procedurali huma nderogabbli, minkejja dak li nkiteb fl-ittra tal-25 ta` Frar 2009 u fl-ittra tal-31 ta` Lulju 2009, it-termini impost fl-Avviz Legalii 177 tal-2005 ma setghux jinbidlu u kellhom jibqghu rispettati minn kull offerent.

Din il-Qorti fehmet l-argument tas-socjeta` rikorrenti illi d-Direttur General ital-Kuntratti naqas milli jattrezzaha bl-informazzjoni kollha necessarja sabiex hija tkun tista` tidderigi ruhha skont il-ligi u li jista jkun li din giet b` xi mod konfuza mill-kontenut ta` l-ittri mibghuta lilha fil-25 ta` Frar 2009 u fl-31 ta` Lulju 2009, izda dan ma jfissirx li ghalhekk it-termini tant cari ravvizati fir-regolamenti applikabbli setghu jigu njorati u mixhuta ghal genb mis-socjeta` rikorrenti jew minn EMCS Consortium.

Il-ligi qeghda hemm ghal kulhadd biex tigi rispettata u ghalhekk l-offerenti kienu obbligati li jsegwu dak li tistipola l-istess ligi. Ighoddu ghall-kaz in ezami l-massimi tad-dritt : *nemo consentur ignorare legem* u *ignorantia iuris nocet.*

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tichad l-ewwel talba, peress li l-appell ipprezentat mis-socjeta` rikorrenti fis-6 ta` Awissu 2009 ghad-decizjoni komunikata mill-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti fil-31 ta` Lulju 2009 ma kienx validu u ammissibbli skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Avviz Legali 177 tal-2005 billi kien ipprezentat *fuori termine,* ben oltre t-terminu ndikat fl-istess Avviz Legali, liema terminu beda jiddekorri mill-25 ta` Frar 2009.

Fl-istess waqt, sejra tilqa` t-tielet talba, peress li l-appell ipprezentat mis-socjeta` intimata EMCS Consortium ghad-decizjoni komunikata mill-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti fil-25 ta` Frar 2009 u konsegwentement anke d-decizjoni dwar l-appell tat-28 ta` April 2009 tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici, huma nulli u bla effett fil-ligi ghaliex l-appell kien ipprezentat wara li kien ghadda z-zmien applikabbli skont id-disposizzjoni relattivi tal-Avviz Legali 177 tal-2005, precizament ir-Reg 82(4).

Decide

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti – filwaqt illi qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tat-tieni eccezzjonijiet tad-Direttur Generali tal-Kuntratti kif dedotti fir-risposta guramentata tieghu tal-bidu, stante illi dawn kienu rtirati fil-mori tal-kawza – u filwaqt illi qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba` u tal-hames talbiet attrici stante li dawn kienu rtirati fil-mori tal-kawza – qeghda taqta` u tiddeciedi dwar l-ewwel u t-tielet talbiet attrici, dwar dawk l-eccezzjonijiet li baqghu mhux decizi bis-sentenza taghha tal-11 ta` Dicembru 2014, u dwar l-eccezzjonijiet li saru fir-risposti guramentati ulterjuri tal-konvenuti – kemm l-eccezzjonijiet ta` natura preliminari, u kif ukoll l-eccezzjonijiet li jolqtu l-mertu ta` l-ewwel u tat-tielet talbiet attrici, billi :-

Tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuta Economic and Management Consultancy Services Limited (EMCS) Consortium kif dedotti fir-risposta guramentata taghha tal-11 ta` Jannar 2010.

**Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuta Economic and Management Consultancy Services Limited (EMCS) Consortium kif dedotti fir-risposta guramentata taghha tat-2 ta` Marzu 2016.**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur Generali tal-Kuntratti kif dedotta fir-risposta guramentata tieghu tat-28 ta` Dicembru 2015.**

**Tichad l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuta Malta Tourism Authority kif dedotti fir-risposta guramentata taghha tad-9 ta` Dicembru 2009.**

**Tilqa` r-raba` eccezzjoni tal-konvenut Direttur Generali tal-Kuntratti kif dedotta fir-risposta guramentata tieghu tat-28 ta` Dicembru 2015.**

**Tilqa` r-raba` eccezzjoni tal-konvenuta Economic and Management Consultancy Services Limited (EMCS) Consortium kif dedotta fir-risposta guramentata taghha tat-2 ta` Marzu 2016.**

**Tilqa` s-sitt u l-hdax-il eccezzjonijiet tal-konvenuta Economic and Management Consultancy Services Limited (EMCS) Consortium kif dedotti fir-risposta guramentata taghha tat-2 ta` Marzu 2016.**

**Tilqa` t-tielet eccezzjoni ta` l-konvenuta Malta Tourism Authority kif dedotta fir-risposta guramentata taghha tad-29 ta` Frar 2016.**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni ta` l-konvenuti Market Intelligence Services Company Limited u Outlook Management and Communications Cooperative Society Limited kif dedotta fir-risposta guramentata taghha ta` l-10 ta` Dicembru 2009 u tat-23 ta` Frar 2016.**

**Tichad l-ewwel talba attrici.**

**Tichad is-sitt eccezzjoni ta` l-konvenuta Economic and Management Consultancy Services Limited (EMCS) Consortium kif dedotta fir-risposta guramentata taghha tal-11 ta`Jannar 2010.**

**Tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta Economic and Management Consultancy Services Limited (EMCS) Consortium kif dedotta fir-risposta guramentata taghha tat-2 ta` Marzu 2016.**

**Tilqa` r-raba` eccezzjoni ta` l-konvenuta Malta Tourism Authority kif dedotta fir-risposta guramentata taghha tad-9 ta` Dicembru 2009.**

**Tilqa` t-tielet talba attrici.**

**In kwantu jirrigwarda l-ispejjez tas-sentenza tal-lum, u bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna lis-socjeta` attrici, lill-konvenut Direttur Generali tal-Kuntratti, lill-konvenuta Malta Tourism Authority, u lill-konvenuta Economic and Management Consultancy Services Limited (EMCS) Consortium sabiex ihallsu l-ispejjez taghhom.**

**Ghar-rigward tal-ispejjez tal-konvenuti Market Intelligence Services Company Limited u Outlook Management and Communications Cooperative Society Limited dawn ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mis-socjeta` attrici u in kwantu ghan-nofs l-iehor mid-Direttur Generali tal-Kuntratti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**